**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0458/2023**

15.11.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B9-xxxx/2023 u B9-xxxx/2023

skont l-Artikolu 136(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2023 f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda (COP28)
(2023/2636(RSP))

**Pascal Canfin, Lídia Pereira, Mohammed Chahim, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Robert Roos, Catherine Griset, Silvia Modig**
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

**B9-0458/2023**

**Mozzjoni għal Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2023 f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda (COP28) (2023/2636(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kjoto tagħha,

– wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra s-27 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP27), is-17-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP17) u r-raba' sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA4), u l-Patt Klimatiku ta' Glasgow adottat fis-26 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP26) fi Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021,

– wara li kkunsidra l-ftehim li sar fil-COP27 biex jinħoloq fond speċifiku għat-telf u l-ħsara u biex jiġi deċiż fit-28 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP28) kif se jibda jopera l-fond, u n-Network ta' Santiago dwar it-Telf u l-Ħsara,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2022 dwar it-Tibdil fil-Klima f'Sharm El-Sheikh, l-Eġittu (COP27)[1],

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli[2],

– wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-tisħin globali ta' 1,5 °C, ir-rapport speċjali tiegħu dwar it-tibdil fil-klima u l-art, ir-rapport speċjali tiegħu dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel, u s-sitt rapport ta' valutazzjoni tiegħu (AR6),

– wara li kkunsidra l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ESABCC) u r-rapport tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Scientific advice for the determination of an EU-wide 2040 climate target and a greenhouse gas budget for 2030-2050" (Parir xjentifiku għad-determinazzjoni ta' mira klimatika għall-UE kollha għall-2040 u baġit għall-gassijiet serra għall-2030-2050),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li

[1] ĠU C 149, 28.4.2023, p. 28.
[2] Testi adottati, P9_TA(2023)0250.

jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")[3],

– wara li kkunsidra l-leġiżlazzjoni tal-UE adottata dan l-aħħar li ssarraf il-miri tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet netti b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u lejn l-ilħuq tal-mira vinkolanti tal-UE għan-newtralità klimatika sal-2050 (il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %") f'politiki konkreti f'setturi differenti,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[5],

– wara li kkunsidra r-rapport Speċjali 18/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tas-26 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija – Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti"[6],

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni "World Energy Transitions Outlook 2023: 1.5 °C Pathway" (Perspettiva tat-Tranżizzjonijiet tal-Enerġija fid-Dinja 2023: Perkors ta' 1,5 °C) tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Rinnovabbli[7],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) ta' Mejju 2021 bit-titolu "Net Zero by 2050 – A Roadmap for the Global Energy Sector" (Newtralità Klimatika sal-2050 – Pjan Direzzjonali għas-Settur tal-Enerġija Globali),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/653 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8],

– wara li kkunsidra r-rapport ta' sinteżi tal-UNFCCC tas-26 ta' Ottubru 2022 dwar il-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi,

– wara li kkunsidra r-rapport dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet tal-2022 tal-Programm tan-NU għall-Ambjent (UNEP) tas-27 ta' Ottubru 2022 bit-titolu "The Closing Window – Climate crisis calls for rapid transformation of societies" (Opportunità li qed tingħalaq

---

[3] ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.
[4] ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22.
[5] ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.
[6] Ir-Rapport speċjali 18/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija – Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti", 2023.
[7] Rapport tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Rinnovabbli bit-titolu "World Energy Transitions Outlook 2023: 1.5 °C Pathway" (Perspettiva tat-Tranżizzjonijiet tal-Enerġija fid-Dinja 2023: Perkors ta' 1,5 °C).
[8] ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

– Il-kriżi klimatika titlob trasformazzjoni rapida tas-soċjetajiet), ir-rapport tiegħu tal-2022 dwar id-diskrepanza fl-adattament tal-1 ta' Novembru 2022 bit-titolu "Too Little, Too Slow – Climate adaptation failure puts world at risk" (Ftit u bil-mod wisq - Il-falliment tal-adattament għall-klima jpoġġi lid-dinja f'riskju) u r-rapport tiegħu tal-2021 dwar id-diskrepanza fil-produzzjoni tal-20 ta' Ottubru 2021,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2021 bit-titolu "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" (COM(2021)0082),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima[9],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-UNEP tal-31 ta' Ottubru 2022 bit-titolu "An Eye on Methane: International Methane Emissions Observatory 2022 Report" (Ħarsa lejn il-Metan: Rapport tal-2022 tal-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan), u r-rapport tal-UNEP tas-6 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Global Methane Assessment: Benefits and Costs of Mitigating Methane Emissions" (Valutazzjoni Globali tal-Metan: Il-Benefiċċji u l-Ispejjeż għall-Mitigazzjoni tal-Emissjonijiet tal-Metan),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-2022 dwar it-Traċċar Globali tal-AIE, Frar 2022,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2021 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 (COM(2021)0805),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan (COM(2020)0663),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan[10],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija tal-21 ta' April 2021 dwar l-istat tal-klima globali fl-2022,

– wara li kkunsidra s-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus u r-rapport tal-Punti Ewlenin Globali dwar il-Klima tal-2022 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Reġistru Globali tal-Emissjonijiet u r-Riżervi tal-Fjuwils Fossili[11],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098),

– wara li kkunsidra l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030,

[9] ĠU C 445, 29.10.2021, p. 156.
[10] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 105.
[11] Global Registry of Fossil Fuel Emissions and Reserves (Reġistru Globali tal-Emissjonijiet u r-Riżervi tal-Fjuwils Fossili).

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2023 tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri (UNDRR) tar-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030,

– wara li kkunsidra r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri tal-2022 tal-UNDRR,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar Jum Ewropew għall-vittmi tal-kriżi klimatika globali[12],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tas-7 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Impacts of climate change on defence-related critical energy infrastructure" (L-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-infrastruttura kritika tal-enerġija relatata mad-difiża),

– wara li kkunsidra l-adozzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża fil-21 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-adozzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima u d-Difiża tad-9 ta' Novembru 2020,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija[13],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) bit-titolu "The European environment – state and outlook 2020 – Knowledge for transition to a sustainable Europe" (L-ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti għall-2020 – Għarfien għal tranżizzjoni għal Ewropa sostenibbli), li huwa l-valutazzjoni tal-EEA tal-potenzjal li għandha l-ħamrija Ewropea għal azzjoni klimatika aktar b'saħħitha[14],

– wara li kkunsidra l-ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (il-Ftehim dwar il-BBNJ) adottat fid-19 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-UNEP tat-18 ta' Frar 2021 bit-titolu "Making Peace with Nature: A scientific blueprint to tackle the climate, biodiversity and pollution emergencies" (Nagħmlu l-Paċi man-Natura: Pjan ta'azzjoni xjentifika biex jiġu indirizzati l-emerġenzi dwar il-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni globali tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) tal-25 ta' Novembru 2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi,

– wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-Bijodiversità Kunming-Montreal, li ġie miftiehem fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità

[12] Testi adottati, P9_TA(2023)0245.
[13] ĠU C 506, 15.12.2021, p. 38.
[14] Ir-Rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) bit-titolu "The European environment – state and outlook 2020: Knowledge for transition to a sustainable Europe" (L-ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti għall-2020: Għarfien għal tranżizzjoni għal Ewropa sostenibbli).

Bijoloġika (COP15),

– wara li kkunsidra r-rapport kosponsorjat tas-sessjoni ta' ħidma tal-IPBES-IPCC dwar il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima tal-10 ta' Ġunju 2021,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar il-Momentum favur l-Oċeani: biex jissaħħu l-governanza u l-bijodiversità tal-oċeani[15],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura (COM(2022)0304),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna[16],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja[17],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 bit-titolu "Il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima"[18],

– wara li kkunsidra r-Rapport Dinji tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Ilma rigward is-Sħubiji u l-kooperazzjoni għall-ilma tad-9 ta' Mejju 2023 u l-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma li saret bejn it-22 u l-24 ta' Marzu 2023, l-ewwel konferenza ewlenija tan-NU ddedikata għall-ilma mill-1977 'l hawn,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet maqbula u adottati tas-66 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa tal-25 ta' Marzu 2022, bit-titolu "Achieving gender equality and the empowerment of all women and girls in the context of climate change, environmental and disaster risk reduction policies and programmes" (Il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha fil-kuntest tal-politiki u tal-programmi b'rabta mat-tibdil fil-klima, l-ambjent u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 41/21 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-12 ta' Lulju 2019 bit-titolu "Human rights and climate change" (Id-drittijiet tal-bniedem u l-klima),

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tas-26 ta' Lulju 2022 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima,

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni tal-1 ta' Novembru 2017 dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-finanzjament għall-klima fuq id-drittijiet tal-popli indiġeni, u d-Dikjarazzjoni ta' Stockholm +50 dwar

[15] ĠU C 132, 14.4.2023, p. 106.
[16] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.
[17] ĠU C 385, 22.9.2021, p. 10.
[18] ĠU C 125, 5.4.2023, p. 135.

il-Popli Indiġeni,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta’ Novembru 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eġittu[19],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta’ Settembru 2021 dwar il-każ ta’ Ahmed Mansoor, difensur tad-drittijiet tal-bniedem, fl-Emirati Għarab Magħquda[20],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta’ Settembru 2020 dwar is-Sena Ewropea tal-Bliet Aktar Ekoloġiċi 2022[21],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP28) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f’Dubai, 30 ta’ Novembru – 12 ta’ Diċembru 2023[22],

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 04/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-15 ta’ Frar 2023 bit-titolu “The Global Climate Change Alliance(+) – Achievements fell short of ambitions” (L-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (+) - Il-kisbiet ma laħqux l-ambizzjonijiet),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta’ Ottubru 2022 dwar il-finanzjament tal-klima fid-dawl tas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP 27) tal-UNFCCC f’Sharm El-Sheikh li saret bejn is-6 u t-18 ta’ Novembru 2022,

– wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2023 f’Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda (COP28) (O-0000/2023 – B9-0000/2023 u O-0000/2023 – B9-0000/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(5) u l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

A. billi l-Parlament Ewropew iddikjara emerġenza klimatika u ambjentali u impenja ruħu li jieħu b’mod urġenti l-azzjonijiet konkreti meħtieġa biex tiġi miġġielda u mrażżna din it-theddida qabel ma jkun tard wisq; billi t-telfien tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima huma interkonnessi u jaggravaw lil xulxin, filwaqt li jirrappreżentaw theddid ugwali għall-ħajja fuq il-pjaneta tagħna, u bħala tali, għandhom jiġu indirizzati flimkien b’mod urġenti;

B. billi l-Ftehim ta’ Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta’ Novembru 2016; Billi sal-lum, 193-il stat flimkien mal-UE ngħaqdu mal-ftehim, li jirrappreżentaw aktar minn 98 % tal-emissjonijiet globali;

C. billi skont ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-emissjonijiet tal-UNEP tal-2022, l-

---

[19] ĠU C 167, 11.5.2023, p. 94.
[20] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 109.
[21] ĠU C 385, 22.9.2021, p. 167.
[22] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP28) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f’Dubai, 30 ta’ Novembru – 12 ta’ Diċembru 2023.

implimentazzjoni ta' kontributi stabbilit fil-livell nazzjonali (NDCs) twassal għal żieda ta' 2,4 °C fit-temperaturi globali sal-aħħar tas-seklu; billi l-politiki attwali mhumiex biżżejjed biex jissodisfaw saħansitra l-NDCs mingħajr kundizzjonijiet u t-tkomplija tal-politiki attwali tirriżulta f'żieda ta' 2,8 °C fit-temperaturi globali;

D. billi sara progress kollettiv inadegwat f'dak li huwa l-ilħuq tal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi minn meta ġie adottat fl-2015; billi r-Rapport ta' Sinteżi tal-NDC tal-2022 jiddikjara li l-livell globali totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) fl-2030, filwaqt li titqies l-implimentazzjoni tal-aħħar NDCs kollha, huwa stmat li huwa biss 0,3 % taħt il-livell tal-2019; billi s-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni (AR6) jikkonkludi li f'xenarji li jillimitaw it-tisħin għal 1,5 °C (bi probabbiltà ta' aktar minn 50 % sal-2100), l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jeħtieġ li jkunu 43 % taħt il-livell tal-2019 sal-2030;

E. billi r-rendikont globali (GST) li se jsir fl-2023 għall-ewwel darba huwa element ċentrali tal-Ftehim ta' Pariġi li jipprevedi stampa ġenerali tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim; billi l-eżitu tal-eżerċizzju ta' rendikont għandu sussegwentement jixpruna lill-Partijiet li jippromwovu l-ambizzjoni u jixpruna l-azzjoni klimatika;

F. billi s-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC ikkonferma li bħala medja l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-attivitajiet tal-bniedem għollew it-temperatura globali b'1,1 °C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali għall-2010-2019; billi skont l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO) issa hemm probabbiltà ta' 66 % li temporanjament taqbeż il-1,5 °C diġà fil-perjodu 2023-2027[23]; billi d-WMO tindika li t-tisħin tal-Artiku huwa sproporzjonalment għoli[24] u riċerka ġdida turi li l-Artiku jista' jkun ħieles mis-silġ fis-sjuf sa mis-snin 30 tas-seklu 21; billi r-riskji relatati mal-klima għas-saħħa, l-għajxien, is-sigurtà tal-ikel, il-provvista tal-ilma, is-sigurtà tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku huma mbassra li se jiżdiedu b'tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jiżdiedu aktar mat-tisħin globali ta' 2 °C[25];

G. billi l-metan huwa responsabbli għal madwar 30 % taż-żieda fit-temperaturi globali mir-rivoluzzjoni industrijali, u tnaqqis rapidu u sostnut fl-emissjonijiet tal-metan huma kruċjali biex jiġi limitat it-tisħin fuq terminu qasir u tittejjeb il-kwalità tal-arja[26]; billi skont is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC, biex it-tisħin globali jinżamm taħt il-1,5 °C, dan jirrikjedi tnaqqis kbir fl-emissjonijiet antropoġeniċi tal-metan sal-2030[27]; billi l-metan huwa gass serra qawwi li huwa 28 darba aktar qawwi mis-$CO_2$ f'termini tal-impatt tiegħu fuq il-klima fuq perjodu ta' 100 sena, u 80 darba aktar qawwi fuq perjodu ta' 20 sena; billi skont ir-rapport dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet tal-UNEP, l-emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż baqgħu stabbli mill-2019 sal-2021, u l-gassijiet fluworurati komplew jiżdiedu; billi azzjoni aktar b'saħħitha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan hija waħda mill-miżuri l-aktar kosteffettivi għat-tnaqqis tal-

---

[23] IPCC 6th Assessment Report – Climate Change 2023 (Is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC - It-Tibdil fil-Klima 2023).
[24] Aġġornament tad-WMO Mejju 2023.
[25] IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5 °C (Rapport Speċjali tal-IPCC dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C).
[26] AIE, Global Methane Tracker 2022 – Methane and climate change (Tracker Globali tal-Metan 2022 – Il-metan u t-tibdil fil-klima).
[27] Is-sitt Valutazzjoni tal-IPCC Climate Change 2023 – Synthesis Report (It-Tibdil fil-Klima 2023 – Rapport ta' Sinteżi).

emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq terminu qasir[28]; billi s-settur tal-agrikoltura u tal-bhejjem jemetti 145 miljun tunnellata ta' metan fis-sena, li jagħmluh l-akbar u l-aktar settur sinifikanti għall-emissjonijiet tal-metan; billi l-emissjonijiet tal-metan fl-agrikoltura huma primarjament xprunati minn żieda fl-għadd ta' bhejjem; billi l-emissjonijiet tal-bhejjem mid-demel u mill-fermentazzjoni enterika jammontaw għal madwar 32 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi kollha tal-metan;

H. billi l-konklużjonijiet tas-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC iwissu li t-tibdil fil-klima diġà qed jaffettwaw 4u dejjem qed ikomplu jaffettwaw aktar il-produttività tas-setturi agrikoli u tas-sajd kollha, jaggravaw l-iskarsezza tal-ilma u jheddu s-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u l-għajxien; billi s-sistemi globali tal-ikel jirrappreżentaw għal 31 % tal-emissjonijiet globali; billi kull sena jiġu applikati aktar minn 100 miljun tunnellata ta' fertilizzant sintetiku għal għelejjel madwar id-dinja[29]; billi l-biċċa l-kbira tal-emissjonijiet mill-fertilizzanti sintetiċi tan-nitroġenu jseħħu wara li jiġu applikati fil-ħamrija u jidħlu fl-atmosfera bħala ossidu nitruż ($N_2O$) – gass serra persistenti b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 265 darba aktar mis-$CO_2$ fuq perjodu ta' 100 snin; billi l-katina tal-provvista tal-fertilizzant tan-nitroġenu sintetiku kienet responsabbli għal madwar 2,1 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra[30];

I. billi l-Kunsill iddikjara fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2022 li jinsab lest, malajr kemm jista' jkun wara l-konklużjonijiet tan-negozjati dwar il-komponenti essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li jaġġorna, kif xieraq, l-NDCs tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;

J. billi l-ewwel rapport tal-UNFCCC dwar id-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Partijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddikjara li r-rapporti nazzjonali ppreżentati mill-Partijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw juru li l-ispejjeż biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Ftehim ta' Pariġi jammontaw b'mod kumulattiv għal USD 5,8–5,9 triljun sal-2030, li minnhom USD 502 biljun huma identifikati bħala spejjeż biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom li jirrikjedu sorsi internazzjonali ta' finanzjament[31]; billi l-flussi ta' finanzjament pubbliku u privat għall-fjuwils fossili għadhom ogħla minn dawk għall-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament għaliha[32];

K. billi, skont l-Artikolu 4(3) tal-Ftehim ta' Pariġi, l-NDCs aġġornati tal-Unjoni għandhom jirriflettu l-akbar ambizzjoni possibbli tagħha, li jirrifletti r-responsabbiltajiet komuni

---

[28] Rapport tal-UNEP tas-6 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Global Methane Assessment: Benefits and Costs of Mitigating Methane Emissions" (Valutazzjoni Globali tal-Metan: Il-Benefiċċji u l-Ispejjeż għall-Mitigazzjoni tal-Emissjonijiet tal-Metan).
[29] L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, "World fertilizer trends and outlook to 2022" (Ix-xejriet u l-prospetti dinjija tal-fertilizzanti sal-2022), 2019.
[30] Menegat, S. et al., "Greenhouse gas emissions from global production and use of nitrogen synthetic fertilisers in agriculture" (Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni globali u l-użu ta' fertilizzanti sintetiċi tan-nitroġenu fl-agrikoltura), Rapporti Xjentifiċi, 2022.
[31] UNFCCC, First report on the determination of the needs of developing country Parties related to implementing the Convention and the Paris Agreement (NDR) (L-ewwel rapport dwar id-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Partijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Ftehim ta' Pariġi (NDR)), 2019.
[32] IPCC AR6 WG3, Climate Change 2022 (It-Tibdil fil-Klima 2022), Sommarju tar-rapport għal dawk li jfasslu l-politika, 2022.

iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi tagħha;

L. billi l-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità huma interkonnessi, jaggravaw lil xulxin u għandhom jiġu indirizzati flimkien bħala kwistjoni ta' urġenza;

M. billi l-preambolu tal-Ftehim ta' Pariġi jinnota l-importanza li tiġi żgurata l-integrità tal-ekosistemi kollha, inklużi l-oċeani; billi r-rapport ta' valutazzjoni globali tal-IPBES dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi[33] jissottolinja li l-użu sostenibbli tan-natura jkun essenzjali għall-mitigazzjoni ta' interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema klimatika u l-adattament għaliha;

N. billi l-ħamrija hija l-akbar raggruppament ta' karbonju terrestri fil-pjaneta; billi l-iżgurar ta' ħamrija b'saħħitha jsaħħaħ ir-reżiljenza u jnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima; billi, fuq livell globali, jintilfu 500 000 ettaru ta' torbiera fis-sena, filwaqt li t-torbiera li diġà ġew skulati u degradati jikkontribwixxu madwar 4 % tal-emissjonijiet globali annwali kkawżati mill-bniedem[34]; billi minkejja li jkopru biss 3-4 % tal-erja tal-wiċċ tal-art tad-dinja, it-torbiera huma responsabbli għall-ħżin ta' kważi terz tal-karbonju tal-ħamrija fid-dinja, li huwa aktar mid-doppju ta' dak tal-foresti kollha tad-dinja flimkien;

O. billi l-aħħar rapport tal-UNEP dwar id-diskrepanza fl-adattament jenfasizza l-fatt li l-isforzi globali fl-ippjanar, il-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-adattament qed jonqsu milli jlaħħqu maż-żieda fir-riskji klimatiċi; billi l-programm ta' ħidma Glasgow-Sharm el-Sheikh dwar l-għan globali f'dak li huwa l-adattament u r-rendikont globali għandu jintuża bħala opportunitajiet għall-Partijiet kollha biex jieħdu azzjoni f'dawk li huma l-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport kif ukoll dawk tal-Grupp ta' Ħidma II tal-IPCC fis-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni;

P. billi jeżistu interkonnessjonijiet xjentifikament ippruvati bejn is-saħħa, u l-kriżijiet ambjentali u klimatiċi; billi l-Osservatorju Ewropew dwar il-Klima u s-Saħħa jidentifika effetti serji fuq is-saħħa mis-sħana, in-nirien mhux ikkontrollati, l-għargħar, il-mard li jinġarr minn vettur, il-mard li jinġarr mill-ilma u mill-ikel, it-tniġġis, it-tniġġis tal-arja, ir-radjazzjoni UV, l-aeroallerġeni, l-ożonu troposferiku, l-effetti fuq is-saħħa mentali u l-effetti fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; billi l-avvenimenti estremi tat-temp, it-telfien tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-art u l-iskarsezza tal-ilma qed jispustaw lin-nies u jkollhom impatt drammatiku fuq saħħithom u l-kapaċità tagħhom li jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tagħhom;

Q. billi r-Rapport tan-NU dwar l-Iżvilupp Dinji tal-Ilma tal-2023 javża dwar kriżi globali tal-ilma b'riskji imminenti; billi aktar minn 90 fil-mija tad-diżastri huma relatati mal-ilma, bit-tibdil fil-klima jolqot l-aktar l-ilma[35]; billi l-partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxu l-prijorità fundamentali li tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel u li

---

[33] IPBES, The global assessment report on biodiversity and ecosystem services (Ir-rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema), 2019.

[34] Stqarrija għall-istampa tal-UNEP, "Global assessment reveals huge potential of peatlands as a climate solution" (Valutazzjoni globali turi potenzjal kbir ta' torbiera bħala soluzzjoni klimatika), 17 ta' Novembru 2022.

[35] Stqarrija għall-istampa tan-NU: "Historic UN conference marks watershed moment to tackle global water crisis and ensure water-secure future" (Konferenza Storika tan-NU timmarka mument kruċjali biex tiġi indirizzata l-kriżi globali tal-ilma u jiġi żgurat futur sigur għall-ilma), 23 ta' Marzu 2023.

jintemm il-ġuħ;

R. billi l-iskarsezza tal-ilma qed issir endemika bħala riżultat tal-impatt lokali tal-istress fiżiku tal-ilma, flimkien mal-aċċelerazzjoni u t-tixrid tat-tniġġis tal-ilma ħelu; billi l-pajjiżi b'introjtu baxx u għoli kollha juru sinjali ta' riskju relatat mal-kwalità tal-ilma[36]; billi s-servizzi ekosistemiċi multipli pprovduti mill-ilma għandhom jiġu żgurati fost l-oħrajn, permezz ta' ppjanar tal-ilma u investiment fl-innovazzjoni relatata mal-ilma, inklużi l-enerġija u l-effiċjenza tal-ilma, f'konformità mal-prinċipji tas-soċjetà intelliġenti fl-ilma;

S. billi fl-UE, id-diżastri naturali affettwaw kważi 50 miljun persuna bejn l-1980 u l-2020 u kkawżaw kull sena telf ekonomiku medju ta' EUR 12-il biljun matul dak il-perjodu[37]; billi dan it-telf ma jiġix distribwit b'mod ugwali; billi s-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus żvela li l-2022 kienet sena oħra ta' estremitajiet, b'ħafna rekords ta' temperatura miksura, u li s-sajf tal-2022 kien l-aktar sħun li qatt ġie rreġistrat għall-Ewropa; billi l-iskarsezza tal-ilma, l-għargħar u n-nixfiet huma wkoll riskji ewlenin fl-Ewropa; billi r-reġjuni u l-gżejjer ultraperiferiċi huma fost l-aktar affettwati mit-tibdil fil-klima b'mod partikolari u f'termini ta' żvilupp sostenibbli, meta mqabbla mal-bqija tal-UE u l-bqija tad-dinja żviluppata;

T. billi, għalkemm l-oċean għandu rwol uniku u vitali bħala regolatur tal-klima fil-kuntest tal-kriżi klimatika - peress li jkopri 71 % tal-wiċċ tad-dinja, jipproduċi nofs l-ossiġnu tagħna, jassorbi terz tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u 90 % tas-sħana żejda fis-sistema tal-klima[38] - il-bijodiversità tal-baħar hija f'periklu serju skont l-IPBES u l-IPCC; billi t-tisħin tal-oċeani qed jaffettwa l-ekosistemi kostali, u qed iwassal għal mewġiet ta' sħana tal-baħar intensifikati, aċidifikazzjoni, telf ta' ossiġenu, intrużjoni tas-salinità u żieda fil-livell tal-baħar[39]; billi l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent wissiet dwar l-istat attwali tad-degradazzjoni tal-ambjent marin Ewropew u l-ħtieġa li l-ekosistemi marini tagħna jiġu restawrati malajr billi jiġi indirizzat l-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent marin; billi l-hotspots marini bħall-iskollijiet tal-qroll, il-mangrovji u l-alka tal-qiegħ huma ddegradati b'mod qawwi u huma mhedda mit-tibdil fil-klima u t-tniġġis;

U. billi skont l-UNEP, it-tniġġis tal-plastik ibiddel il-ħabitats u l-proċessi naturali, filwaqt li jnaqqas il-kapaċità tal-ekosistemi li jadattaw għat-tibdil fil-klima u jaffettwa direttament il-ħajjiet ta' miljuni ta' nies; billi s-settur globali tal-plastik huwa responsabbli għal 6 % tal-konsum globali taż-żejt, li huwa mistenni li jilħaq l-20 % sal-2050[40]; billi l-proċessi biex jiġi estratt u distillat iż-żejt u jiġi prodott il-plastik huma intensivi fl-enerġija; billi l-iskart tal-plastik mormi jiġġenera emissjonijiet ta' gassijiet serra meta jiġi espost għar-radjazzjoni solari fl-arja u fl-ilma, u jinterferixxi wkoll fil-kapaċità tal-oċean li jissekwestra l-karbonju; billi l-emissjonijiet globali tal-plastik huma mistennija li jirduppjaw għal 44 miljun tunnellata fis-sena, u li fin-nuqqas ta'

[36] The United Nations World Water Development Report 2023: partnerships and cooperation for water (Ir-Rapport tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp tal-Ilma fid-Dinja 2023: sħubijiet u kooperazzjoni għall-ilma).
[37] Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem li l-Unjoni Ewropea tista' tiffaċċja: edizzjoni tal-2020.
[38] Azzjoni Klimatika tan-NU, "L-oċean – l-akbar alleat fid-dinja kontra t-tibdil fil-klima".
[39] IPCC, Special report on the ocean and cryosphere in a changing climate (Rapport Speċjali dwar l-Oċeani u l-Krijosfera fi Klima li Qed Tinbidel), 2019.
[40] Forum Ekonomiku Dinji, "The New Plastics Economy – Rethinking the future of plastics" (L-Ekonomija Ġdida tal-Plastik – Nikkunsidraw mill-ġdid il-futur tal-plastik), Jannar 2016.

politiki ġodda ambizzjużi, il-konsum globali tal-plastik se jiżdied minn 460 miljun tunnellata fl-2019 għal 1 231 miljun tunnellata fl-2060[41];

V. billi l-kriżi tal-enerġija poġġiet enfasi fuq il-kwistjoni tas-sigurtà tal-enerġija u l-ħtieġa għal tnaqqis fid-domanda għall-enerġija u għal sistema tal-enerġija diversifikata; billi l-invażjoni militari Russa tal-Ukrajna żiedet l-urġenza għall-ħtieġa li tinbidel malajr is-sistema globali tal-enerġija;

W. billi l-Patt Klimatiku ta' Glasgow u l-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Sharm el-Sheikh jirrikonoxxu r-rwol importanti tal-partijiet ikkonċernati li mhumiex parti għal dan il-Patt fil-kontribut għall-progress f'dak li huwa l-ilħuq tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

X. billi l-ESABCC jirrakkomanda tnaqqis tal-emissjonijiet tal-UE ta' 90-95 % sal-2040, meta mqabbel mal-1990, u baġit għall-gassijiet serra li jifdal ta' 11-14-il biljun tunnellata $CO_2$ għall-2030-2050, abbażi ta' valutazzjoni bbażata fuq ix-xjenza sabiex jiġu mmitigati r-riskji klimatiċi u jiġi żgurat futur sostenibbli;

Y. billi r-rapport reċenti mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) tan-NU dwar l-Impenji għal Emissjonijiet Żero Netti ta' Entitajiet Mhux Statali jirrakkomanda trasparenza u rappurtar aħjar ta' azzjoni klimatika mhux statali;

Z. billi l-aktar 1 % tan-nies sinjuri tal-popolazzjoni globali huma mistennija li jiġġeneraw emissjonijiet tal-konsum per capita fl-2030 li għadhom 30 darba ogħla mil-livell globali per capita, filwaqt li l-impronti tal-ifqar nofs tal-popolazzjoni tad-dinja huma mistennija li jibqgħu diversi drabi taħt dak il-livell[42]; billi s-46 pajjiż l-inqas żviluppati fid-dinja (LDCs), li għandhom madwar 1,1 biljun persuna, ikkontribwew minimalment għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ ; billi, madankollu, 69 % tal-imwiet madwar id-dinja kkawżati minn diżastri relatati mal-klima matul l-aħħar 50 sena seħħew fl-LDCs[43]; billi sal-2050, sa 216-il miljun persuna jistgħu jkunu migranti klimatiċi interni madwar ir-reġjuni tal-Afrika, l-Amerka Latina, l-Asja u l-Paċifiku u l-Ewropa tal-Lvant[44];

AA. billi l-impatti negattivi tal-kriżi klimatika u t-telf u l-ħsara relatati qed jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni vulnerabbli u emarġinati;

***COP28 f'Dubai u l-ewwel rendikont globali (GST)***

1. Ifakkar fil-konklużjonijiet mis-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C, jew saħansitra għal inqas minn 2 °C, tirrikjedi azzjonijiet ta' mitigazzjoni rapidi, profondi u sostnuti; jisħaq, li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C tirrikjedi tnaqqis bi 43 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-2019 f'dan id-deċennju kritiku qabel l-2030; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tagħmel sforz kollettiv biex tilħaq dan l-għan u jistieden lill-

[41] OECD, "Global plastic waste set to almost triple by 2060" (L-iskart globali tal-plastik mistenni li kważi jittriplika sal-2060), Ġunju 2022.
[42] Istitut għall-Politika Ambjentali Ewropea (IEEP) u Oxfam, "Carbon Inequality in 2030" (Inugwaljanza fil-Karbonju fl-2030), Novembru 2021.
[43] Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD), Least Developed Countries Report 2022 (Rapport 2022 dwar il-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati).
[44] Open Knowledge Repository beta, Groundswell Part 2: Acting on Internal Climate Migration (Groundswell Parti 2: Naġixxu fir-Rigward tal-Migrazzjoni Marbuta mat-Tibdil fil-Klima), 2021.

pajjiżi żviluppati u lill-emittenti ewlenin biex imexxu bl-eżempju; itenni l-impenji meħuda fl-ambitu tal-Patt dwar il-Klima ta' Glasgow u jesprimi tħassib dwar il-progress limitat li sar fit-tisħiħ tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż matul il-COP27 u l-laqgħa intersessjonali f'Bonn ta' Ġunju 2023;

2. Jirrikonoxxi li s-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC ikkonferma li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-bniedem għollew it-temperatura globali b'1,1 °C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali; jesprimi tħassib dwar is-sejbiet tar-rapport tal-UNEP dwar id-diskrepanza fl-emissjonijiet tal-2022, b'mod partikolari li, filwaqt li l-implimentazzjoni ta' NDCs kundizzjonali twassal għal żieda ta' 2,4 °C fit-temperaturi globali sal-aħħar tas-seklu, il-politiki attwali mhumiex biżżejjed biex saħansitra jilħqu l-NDCs inkondizzjonali u t-tkomplija tal-politiki attwali tirriżultaw f'żieda ta' 2,8 °C fit-temperaturi globali; jinsab allarmat li l-emissjonijiet għadhom qed jiżdiedu u li d-diskrepanza fl-emissjonijiet qed tikber, u jenfasizza li r-riskji klimatiċi se jiżdiedu b'kull dewmien fl-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u b'hekk jirriżultaw f'żieda fit-telf u l-ħsara;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw il-mezzi diplomatiċi kollha qabel il-konferenza biex jikkomunikaw mal-Partijiet kollha ħalli jżidu l-miri klimatiċi tagħhom fuq terminu qasir, medju u twil u l-politiki li jakkumpanjawhom, u jżidu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom biex iikomplu l-isforzi ħalli ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C, f'konformità mal-Patt dwar il-Klima ta' Glasgow;

4. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titħaffef l-azzjoni klimatika biex jintlaħqu l-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'mod li jiżgura tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura; Jappella biex is-COP28 tindirizza l-ħtieġa ta' trasformazzjoni sistemika lejn mudell ekonomiku li jiżgura benesseri għal kulħadd fil-limiti planetarji;

5. Jissottolinja li l-proċess ta' GSTs huwa element ċentrali tal-Ftehim ta' Pariġi u li l-ewwel GST huwa mument ewlieni għat-tisħiħ tal-ambizzjoni kollettiva tal-azzjoni u l-appoġġ dwar il-klima; jistenna li l-Partijiet kollha jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ fil-GST sabiex isaħħu l-impenji f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, iqabblu l-ambizzjoni ma' implimentazzjoni mħaffa ta' miżuri konkreti biex tinġieb tranżizzjoni effettiva u jiġi żgurat futur newtrali għall-klima, reżiljenti għall-klima u ekwu;

6. Itenni li l-ħidma tal-GST għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza u ggwidata mill-prinċipju tal-ekwità u l-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi; ifakkar li l-GST għandu jirrieżamina l-azzjoni klimatika filwaqt li jqis ukoll id-drittijiet tal-bniedem, il-ġeneru u l-ġustizzja interġenerazzjonali; iħeġġeġ lill-Partijiet għall-UNFCCC jintegraw id-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-NDCs tagħhom;

7. Jappoġġja mira globali għat-tripplikazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-irduppjar tal-effiċjenza enerġetika sal-2030 fil-COP28, flimkien mal-eliminazzjoni gradwali tanġibbli tal-fjuwils fossili mill-aktar fis possibbli, biex tinżamm il-mira ta' 1,5 °C, inkluż billi jitwaqqfu l-investimenti l-ġodda kollha fl-estrazzjoni tal-fjuwils fossili; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jkollhom rwol proattiv u kostruttiv f'dak ir-rigward; itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lil Partijiet oħra biex jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili; jisħaq li t-tranżizzjoni ambjentali għandha titwettaq bl-inqas kost ambjentali, u li s-sinerġiji bejn l-

enerġija rinnovabbli u r-restawr tan-natura għandhom jiġu mmassimizzati;

8. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha għall-UNFCCC iżidu l-NDCs tagħhom sabiex jagħlqu, bħala kwistjoni ta' urġenza, id-diskrepanzi fl-emissjonijiet abbażi tal-valutazzjoni tal-ewwel GST u kif identifikati mill-IPCC u mill-UNEP, u jagħlqu l-lakuni fl-implimentazzjoni billi jżidu u jtejbu l-implimentazzjoni tal-politika ta' mitigazzjoni sabiex jinkisbu l-impenji rilevanti kollha; jissottolinja r-responsabbiltà partikolari tal-emittenti ewlenin kollha u tal-pajjiżi tal-G20 biex ikunu minn ta' quddiem; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha, inkluża l-UE, abbażi tad-deċiżjoni tal-COP26 rigward il-perjodi ta' żmien komuni, biex fl-2025 jikkomunikaw NDC għall-2035;

9. Jisħaq li l-outputs tal-GST u d-deċiżjonijiet relatati tal-COP28 iridu jipproponu proċessi konkreti, azzjonabbli u speċifiċi biex wieħed jimxi fit-triq it-tajba lejn l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; huwa tal-fehma li tali proċessi għandhom jinkludu l-kontinwazzjoni tar-rapport ta' sinteżi annwali tal-NDC biex jiġi vvalutat il-progress ħalli jingħalaq id-distakk fl-ambizzjoni, kif ukoll rapporti annwali tal-UNFCCC li jkejlu l-progress dwar l-objettivi settorjali u l-wegħdiet li saru s'issa; jisħaq li proċessi bħal dawn għandhom iwasslu għal politiki u pjanijiet konkreti bbażati fuq ix-xjenza;

10. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jiżguraw regoli robusti għal mekkaniżmi kooperattivi skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiddefendu b'mod strett livell għoli ta' integrità klimatika, abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli, fin-negozjati dwar il-kwistjonijiet pendenti, inkluż dwar ir-rwol tat-tneħħija, sabiex jiġi żgurat li r-regoli jipprovdu tnaqqis ġenwin tal-emissjonijiet u trasparenza sħiħa;

11. Huwa tal-fehma li l-Unjoni u l-Istati Membri ma għandhomx jaċċettaw eżitu li jinkoraġġixxi teknoloġiji ta' tnaqqis għall-fjuwils fossili fis-settur tal-enerġija, jew pożizzjoni dgħajfa dwar tranżizzjoni tal-enerġija ġusta;

*Adattament*

12. Jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ l-azzjoni ta' adattament fl-UE u fuq livell globali; itenni li azzjoni ta' adattament fuq terminu qasir, medju u twil hija neċessità għall-Partijiet kollha biex jimminimizzaw l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità, filwaqt li jisħaq fuq il-vulnerabbiltajiet partikolari tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS); jistieden lill-pajjiżi li għadhom ma ppreżentawx komunikazzjonijiet ta'adattament jew pjanijiet ta' adattament nazzjonali biex jagħmlu dan mingħajr dewmien; jistieden lill-Partijiet kollha jaġġornaw l-NDCs tagħhom biex jinkludu komponent ta' adattament robust, b'miżuri ta' adattament speċifiċi u miri kwantifikati assoċjati qabel il-COP28;

13. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jilħqu l-qafas ta' adattament globali kredibbli, robust u implimentabbli fil-COP28 sabiex titjieb il-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, b'enfasi akbar fuq l-ilma, l-ekosistemi u s-servizzi tal-ilma; jisħaq fuq l-importanza li jiġi stabbilit l-għan globali dwar l-adattament (GGA) u li l-partijiet kollha jsaħħu l-azzjoni ta' adattament; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jadottaw punt permanenti tal-aġenda dwar il-GGA skont il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Ftehim ta' Pariġi (CMA) u l-korpi sussidjarji tiegħu; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi biex il-GGA jissarraf f'eżiti li

jistgħu jitkejlu li għandhom, fost l-oħrajn, jipprovdu fehim komprensiv tar-riskji marbuta mal-klima u mad-diżastri u l-ħtiġijiet u l-ispejjeż ta' adattament assoċjati f'diversi livelli, iżidu d-disponibbiltà ta' data konsistenti u komparabbli, jiddeterminaw u jtejbu l-forniment u l-aċċessibbiltà tal-mezzi ta' implimentazzjoni, inklużi appoġġ finanzjarju u teknoloġiku, u jfasslu sett komuni ta' metriċi, metodoloġiji u approċċi kwantitattivi u kwalitattivi biex jiġi segwit il-progress lejn l-ilħuq tal-għan maż-żmien; jisħaq fuq l-importanza ta' approċċi bbażati fil-komunità għall-adattament; jitlob li l-Fond Ekoloġiku għall-Klima, il-Fond għall-Ambjent Dinji, il-Fond ta' Adattament, u l-Fond ta' Impatt Sostenibbli jiżviluppaw strateġiji aħjar biex jilħqu l-atturi fil-livell lokali li jmexxu soluzzjonijiet ta' adattament għall-klima;

14. Jinnota li l-appoġġ finanzjarju għall-mitigazzjoni jibqa' akbar mill-appoġġ għall-adattament; jirrimarka li fl-2019, il-mitigazzjoni kienet tirrappreżenta żewġ terzi tal-finanzjament totali għall-klima pprovdut u mmobilizzat mill-pajjiżi żviluppati (USD 50,8 biljun), filwaqt li l-finanzjament għall-adattament kien jammonta biss għal USD 20,1 biljun u l-mitigazzjoni u l-adattament trażversali kienu jammontaw għal USD 8,7 biljun[45]; jistieden lill-Partijiet kollha jżidu l-impenji tagħhom u jippreżentaw pjan direzzjonali definittiv għal objettiv kollettiv li l-finanzjament għall-adattament jiġi rduppjat sal-2025, abbażi tal-livelli tal-2019, bl-għan li jinkiseb bilanċ bejn il-mitigazzjoni u l-finanzjament għall-adattament, u jistieden aktar kontribuzzjonijiet għall-Fond għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Fond Speċjali għat-Tibdil fil-Klima; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu perkorsi konkreti biex iżidu l-finanzjament ta' adattament tagħhom sal-2025, inkluż permezz tal-baġit tal-UE;

15. Ifakkar li f'konformità mal-Liġi dwar il-Klima tal-UE l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tħejji valutazzjoni tar-riskju tal-klima komprensiva madwar l-UE kollha biex tindirizza r-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-Ewropa; itenni wkoll l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi qafas Ewropew komprensiv, ambizzjuż u legalment vinkolanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima, inklużi l-għodod leġiżlattivi xierqa, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni l-aktar vulnerabbli; jisħaq fuq l-importanza tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Adattament, ir-rabtiet tagħha mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u l-qafas regolatorju l-ġdid dwar l-adattament li jirriżulta mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u jtenni s-sejħiet tal-Parlament għall-implimentazzjoni ambizzjuża tagħhom, inkluż tal-komponenti internazzjonali tagħhom;

16. Jisħaq li s-sistemi ta' twissija bikrija huma kritiċi għal adattament effettiv iżda huma disponibbli biss għal inqas minn nofs il-membri tad-WMO; jappoġġja l-proposta tad-WMO li jiġi żgurat li s-sistemi ta' twissija bikrija jilħqu lil kulħadd fil-ħames snin li ġejjin; jappella għall-implimentazzjoni malajr ta' din l-inizjattiva dwar is-servizzi ta' twissija bikrija bil-għan li jiġu salvati ħafna ħajjiet mill-aktar fis possibbli;

***Telf u ħsara***

17. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha joperazzjonalizzaw il-fond għat-telf u l-ħsara fil-COP28

[45] OECD, "Climate Finance Provided and Mobilised: Aggregate Trends Updated with 2019 Data" (Finanzjament għall-Klima Ipprovdut u Mmobilizzat: Xejriet Aggregati Aġġornati bid-Data tal-2019), 2019.

sabiex jiġi żgurat finanzjament ġdid, addizzjonali, adegwat u prevedibbli biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima; jemmen bis-sħiħ li l-finanzjament għat-telf u l-ħsara għandu jagħti prijorità lill-għotjiet u jkun addizzjonali għall-għajnuna umanitarja u distint minnha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien ma' emittenti ewlenin oħra, biex ikunu lesti jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-fond għat-telf u l-ħsara biex tiġi żgurata l-ġustizzja klimatika globali, billi jagħmlu wegħdiet sinifikanti pluriennali mis-COP28 jew fiha;

18. Jinnota li l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Pariġi (dwar it-telf u l-ħsara) jiddikjara li l-Partijiet għandhom jieħdu approċċ kooperattiv għat-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima; jappella għal definizzjoni ċara għat-telf u l-ħsara u metodoloġija għall-istima tiegħu, infurmata mix-xjenza u l-ħtiġijiet tal-komunitajiet; jitlob eżitu fil-COP28 li jagħti rakkomandazzjonijiet ċari għall-istruttura l-ġdida tal-fond, il-governanza u l-arranġamenti ta' finanzjament; jistieden lill-Partijiet kollha jiżguraw parteċipazzjoni sinifikattiva tas-soċjetà ċivili u tal-komunitajiet l-aktar affettwati fl-istrument regolatorju tal-fond għat-telf u l-ħsara; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol essenzjali fid-dijanjożi, il-valutazzjoni u t-tfassil ta' reazzjonijiet ibbażati fuq il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni u t-territorji tagħhom u t-theddid li jiffaċċjaw, u r-riskji għalihom; jenfasizza li l-għoti deċentralizzat ta' finanzjament għat-telf u l-ħsara permezz tal-gvernijiet lokali jista' jiggarantixxi li jkun disponibbli finanzjament fil-livell lokali meta jseħħu xokkijiet, u li l-investimenti jkunu mmirati biex jirrispondu għall-kundizzjonijiet lokali u jiġu diretti b'mod aktar effettiv lejn il-prijoritajiet taċ-ċittadini;

19. Jissottolinja li biex jiġu indirizzati l-isfidi globali ppreżentati mit-tibdil fil-klima, hemm bżonn li jiżdiedu malajr il-flussi ta' investiment u finanzjament għall-klima – kemm pubbliċi kif ukoll privati – fuq skala globali; jisħaq li dan il-finanzjament irid ikun faċilment aċċessibbli għall-pajjiżi kollha, speċjalment għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-SIDS, meta possibbli permezz ta' modalitajiet ta' aċċess dirett; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jibnu rabtiet bejn il-pajjiżi żviluppati, dawk li qed jiżviluppaw u dawk l-anqas żviluppati u jkomplu jżidu l-ħidma tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja kemm dwar il-mitigazzjoni kif ukoll dwar il-finanzjament għall-adattament u l-operazzjonalizzazzjoni tal-fond għat-telf u l-ħsara;

20. Jistieden lill-Kumitat Tranżitorju tat-Telf u l-Ħsara biex jiżgura li l-Fond għat-Telf u l-Ħsara jkun sensittiv għall-ġeneru u trasformattiv, ikun iggwidat mill-ħtiġijiet ta' dawk li jkunu l-aktar milquta u jirrispondi għal telf speċifiku mġarrab min-nisa; jemmen li n-nisa għandhom ikunu involuti b'mod ċentrali fit-tfassil, il-ġestjoni u l-iżborż tal-Fond il-ġdid;

21. Itenni l-appell tiegħu biex it-telf u l-ħsara jkunu punt permanenti fl-aġenda għall-COPs futuri, sabiex ikun hemm spazju ċar ta' negozjar ħalli jiġi mmonitorjat u jsir progress f'din il-kwistjoni, u għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tan-Network ta' Santiago sabiex tiġi kkatalizzata b'mod effettiv l-assistenza teknika ħalli jiġu indirizzati b'mod adegwat it-telf u l-ħsara; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja aktar ħidma fuq l-għażla tal-ospitant tan-Network ta' Santiago skont il-prinċipji stabbiliti fid-deċiżjoni COP27 bil-għan li tittieħed deċiżjoni fil-COP28;

*Il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-COP28*

22. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet kollha fil-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC; jisħaq li l-proċess attwali tat-teħid tad-deċiżjonijiet skont l-UNFCCC jista' jittejjeb biex jippermetti aħjar il-parteċipazzjoni sħiħa tad-delegati tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u d-delegati tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati; jistieden għalhekk lill-presidenza tal-COP28 u lill-Presidenzi futuri jesploraw modi addizzjonali biex jiżguraw parteċipazzjoni effettiva u sinifikattiva ta' dawk id-delegati u jallokaw riżorsi addizzjonali għal dan;

23. ifaħħar u jesprimi s-solidarjetà tiegħu ma' dawk li jfittxu li jqajmu kuxjenza dwar il-kriżi klimatika u jagħmlu kampanji għal azzjoni sinifikanti; jisħaq fuq ir-rwol importanti taż-żgħażagħ, kif innotat fil-Patt Klimatiku ta' Glasgow, fit-tmexxija tal-ambizzjoni klimatika fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti tagħhom; jappella għal riżorsi adegwati biex titqajjem kuxjenza, tinbena l-kapaċità u l-komunitajiet lokali jiġu involuti fl-azzjoni klimatika;

24. Jisħaq li l-għanijiet klimatiċi ma jistgħux jintlaħqu mingħajr l-appoġġ u l-involviment tal-pubbliku, inklużi ż-żgħażagħ; jistieden lill-Partijiet kollha jqajmu kuxjenza dwar it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet relatati, jiġġieldu l-miżinformazzjoni u jaħdmu ma' rappreżentanti pubbliċi, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex jiksbu appoġġ pubbliku għall-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament;

25. Jistieden lill-UNFCCC, lill-Partijiet kollha u lill-awtoritajiet tal-Emirati Għarab Magħquda biex jiżguraw aċċess ekwu għall-COP28 u parteċipazzjoni sħiħa u mingħajr restrizzjonijiet, inkluż b'aċċess għal dokumenti rilevanti, fil-COP28 għaċ-ċittadini kollha u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw l-aktar komunitajiet vulnerabbli; jiddenunzja l-ostakli għall-parteċipazzjoni preżenti f'COPs preċedenti; jiddeplora bis-sħiħ l-għadd kbir ta' każijiet ta' ċensura, intimidazzjoni, fastidju u sorveljanza ta' membri tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-mewġa ta' arresti u detenzjonijiet, li seħħet għall-ħabta meta saret il-COP27 fl-Eġittu; itenni l-appell tiegħu lis-Segretarjat tal-UNFCCC biex jiżviluppa kriterji tad-drittijiet tal-bniedem li l-pajjiżi li jospitaw COPs futuri jridu jimpenjaw ruħhom li jissodisfaw bħala parti mill-ftehim ospitanti, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu rwol ta' tmexxija f'dan il-proċess; jappella, barra minn hekk, li l-ftehimiet tal-pajjiż ospitanti jsiru disponibbli pubblikament minħabba raġunijiet ta' trasparenza u assigurazzjonijiet li jkunu stabbiliti miżuri biex jipproteġu lid-delegati minn kull forma ta' fastidju; jappella, għalhekk, għal miżuri b'saħħithom mill-UNFCCC u l-pajjiżi ospitanti biex jipproteġu lid-delegati u lill-parteċipanti mill-fastidju u l-intimidazzjoni fil-COP28 u f'COPs futuri;

*Il-kunflitti ta' interess, it-trasparenza, l-integrità*

26. Jesprimi tħassib li aktar minn 630 lobbist tal-fjuwils fossili kienu akkreditati li attendew fil-COP27, li jikkostitwixxu żieda ta' aktar minn 25 % meta mqabbel mal-COP26; jappella biex ikun żgurat li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UNFCCC u l-Partijiet ikun protett minn interessi li jmorru kontra l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi u jkun żgurat li l-kumpaniji tal-fjuwils fossili ma jeżerċitawx influwenza żejda u mhux xierqa fuq uffiċjali pubbliċi u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliku tal-UNFCCC li jista'

jikkomprometti l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; iħeġġeġ lill-UNFCCC tieħu t-tmexxija f'idejha fil-proposta ta' Qafas dwar ir-Responsabbiltà ambizzjuż li jipproteġi l-ħidma tal-UNFCCC minn influwenza żejda minn atturi korporattivi b'interessi ppruvati, abbażi ta' mudell li jinsab fil-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk fir-rigward tal-industrija tat-tabakk;

27. Jesprimi tħassib qawwi li l-Emirati Għarab Magħquda ħatru l-kap tal-kumpanija statali taż-żejt Abu Dhabi National Oil Company (ADNOC) Group, is-Sultan Al Jaber, bħala l-President tal-COP28, u tnax-il impjegat tat-tim tal-COP28 għandhom rabtiet diretti mal-industrija tal-fjuwils fossili; jinsab allarmat bir-rapporti li juru li l-impjegati tal-ADNOC irnexxielhom jaqraw emails lejn u mill-uffiċċju tas-summit dwar il-klima tal-COP28 u ġew ikkonsultati dwar kif jirrispondu għall-inkjesti tal-media; iqis li dan jikkostitwixxi riskju serju ta' kunflitt ta' interess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw li din il-presidenza tal-COP u dik li jmiss ikunu ħielsa minn kunflitti ta' interess;

28. Jissottolinja li aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, huwa kruċjali għall-ilħuq tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; jemmen li l-UE u l-Istati Membri għandhom imexxu bl-eżempju u jirrispettaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus;

***Politika ambizzjuża dwar il-Klima tal-UE***

29. Jieħu nota tal-NDC aġġornat tal-UE; jenfasizza l-fatt li l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" tal-UE li ġie adottat dan l-aħħar u l-impatt kumulattiv tiegħu se jnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-Unjoni b'madwar 57 % meta mqabbla mal-1990; jisħaq li, skont l-ESABCC, sforzi addizzjonali biex tiżdied l-ambizzjoni tal-Unjoni lil hinn mit-tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2030 inaqqsu b'mod konsiderevoli l-emissjonijiet kumulattivi tal-Unjoni sal-2050, u b'hekk iżidu l-ġustizzja tal-kontribut tal-Unjoni għall-mitigazzjoni globali; iħeġġeġ lil Partijiet oħra għall-UNFCCC iżidu l-NDCs tagħhom fid-dawl tad-deċiżjoni li tinsab fil-Patt Klimatiku ta' Glasgow biex jirrevedu l-mira tal-2030 u jibdlu l-impenji f'miżuri konkreti;

30. Jilqa' l-ħidma tal-ESABCC u jirrikonoxxi l-parir tiegħu dwar id-determinazzjoni ta' mira klimatika għall-2040 għall-UE kollha u baġit għall-gassijiet serra għall-2030-2050; jisħaq li, skont l-ESABCC, l-Unjoni għandha tieħu miżuri addizzjonali biex tqis il-fatt li diġà eżawriet is-sehem ġust tagħha tal-baġit globali tal-gassijiet serra f'konformità mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika r-rakkomandazzjoni vvalutata tal-impatt tagħha dwar il-miri tal-Unjoni wara l-2030 fil-bidu tal-2024 u tadotta l-proposta tagħha f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, filwaqt li tqis id-deċiżjoni tal-COP26 rigward perjodi ta' żmien komuni; jisħaq li meta tagħmel din il-proposta, il-Kummissjoni jeħtiġilha tqis il-parir tal-ESABCC, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali kollha elenkati fl-Artikolu 4(5) tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni żżomm il-leġiżlazzjoni tal-UE aġġornata u tħejji l-proposti leġiżlattivi korrispondenti biex

jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

32. Itenni l-ħtieġa li l-ambizzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki kollha tal-UE u fil-miżuri li jittrasponuhom u jissottolinja li l-Artikolu 6(4) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima jobbliga lill-Kummissjoni tivvaluta l-konsistenza ta' kwalunkwe abbozz ta' miżura jew proposta leġiżlattiva, inklużi proposti baġitarji, mal-miri klimatiċi tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ din id-dispożizzjoni fil-mod kif twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fl-oqsma kollha tal-politika tal-UE; itenni l-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, li għalih impenjaw ruħhom l-UE u l-Istati Membri tagħha u li għandu l-għan li jimminimizza l-kontradizzjonijiet u jibni sinerġiji bejn il-politiki differenti tal-UE; jinsisti fuq approċċ koerenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli kemm fil-politiki interni kif ukoll f'dawk esterni;

33. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu biżżejjed azzjonijiet u mezzi finanzjarji biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u jipprovdu trasparenza dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri u l-UE kollha f'termini tal-azzjoni tal-klima u l-enerġija, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

34. Jenfasizza li sabiex jiżguraw il-konsistenza tal-NDCs mal-impenji għall-ekonomija kollha meħtieġa mill-Ftehim ta' Pariġi, il-Partijiet għandhom jitħeġġu jinkludu l-emissjonijiet mit-tbaħħir internazzjonali u mill-avjazzjoni fl-NDCs tagħhom u biex jaqblu dwar miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell reġjonali u nazzjonali ħalli jnaqqsu l-emissjonijiet minn dawn is-setturi, inklużi l-impatti mhux tas-$CO_2$ mill-avjazzjoni u l-emissjonijiet tal-klima tal-fjuwils tal-baħar; jenfasizza l-fatt li l-Unjoni għandha tmexxi bl-eżempju f'dak ir-rigward;

35. Jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex l-UE tagħti rendikont tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kollha kkawżati mill-UE, li hija importatur nett ta' oġġetti mill-bqija tad-dinja; itenni l-appell tiegħu għal miri vinkolanti għall-UE kollha bbażati fuq ix-xjenza għat-tnaqqis tal-impronti materjali u ambjentali tal-Unjoni, inkluż mill-oġġetti importati;

36. jisħaq fuq l-importanza li jinżamm l-impenn għall-Patt Ekoloġiku Ewropew; jemmen li l-Patt Ekoloġiku Ewropew kollu kemm hu jrid jiġi implimentat sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq l-elementi kollha tal-Patt Ekoloġiku Ewropew mingħajr dewmien; jissottolinja l-lakuni fid-data li jeħtieġ li jimtlew sabiex jiġi segwit il-progress fl-ilħuq tal-għanijiet tal-UE dwar il-klima u tkun tista' ssir reviżjoni regolari tal-politiki attwali;

37. Jisħaq li s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali tenfasizza l-urġenza li titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u l-ħtieġa li tingħata spinta lill-użu tal-enerġija rinnovabbli;

38. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li tirtira l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Euratom mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (ECT); jenfasizza l-intenzjoni mħabbra ta' diversi Stati Membri li jirtiraw mill-ECT u jtenni l-pożizzjoni tal-Parlament tal-24 ta' Novembru 2022 dwar din il-kwistjoni; jissottolinja l-ħtieġa li tittieħed azzjoni b'mod ikkoordinat sabiex ikunu aktar b'saħħithom fin-negozjati dwar l-irtirar u biex jiġu limitati l-effetti negattivi tal-klawżola ta' estinzjoni u biex jiġi evitat b'mod effettiv it-tilwim intra-UE;

jirrikonoxxi li t-TKE ġie kkritikat bħala ostaklu għat-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli u għall-protezzjoni tas-sigurtà tal-enerġija fl-UE u fl-Istati Membri tagħha; jissottolinja li aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli se jgħinu t-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija prosperuża, sostenibbli, kompatibbli mal-klima u indipendenti; iħeġġeġ lill-atturi kollha jaċċeleraw it-tranżizzjoni tal-enerġija; jesprimi dispjaċir għall-fatt li skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Rinnovabbli, l-investiment fl-enerġija rinnovabbli jibqa' kkonċentrat f'għadd limitat ta' pajjiżi u ffukat biss fuq ftit teknoloġiji; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jinstigaw it-tiġdid sistemiku u strutturali meħtieġ għall-promozzjoni ta' sistema tal-enerġija globali aktar reżiljenti, inklużiva u sikura għall-klima bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli;

***Finanzjament internazzjonali għall-klima u finanzjament sostenibbli***

39. Jinnota l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku għall-klima, filwaqt li jesprimi t-tħassib serju tiegħu li l-finanzjament pubbliku għall-klima pprovdut mill-UE u l-Istati Membri tagħha naqas fl-2022 meta mqabbel mal-2021; jisħaq li fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tħejjijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP 28), il-Kunsill ġedded l-impenn meħud mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex ikompli jżid il-finanzjament għall-klima internazzjonali tagħhom għall-għan tal-pajjiżi żviluppati li jimmobilizzaw mill-inqas USD 100 biljun fis-sena kemm jista' jkun malajr u sal-2025 minn varjetà kbira ta' sorsi; jissottolinja l-ħtieġa ta' kontribuzzjonijiet kontinwi u akbar; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, għal mekkaniżmu ta' finanzi pubbliċi tal-UE ddedikat li jipprovdi appoġġ addizzjonali u adegwat lejn it-twettiq tas-sehem ġust tal-UE tal-għanijiet ta' finanzjament internazzjonali għall-klima; jisħaq li meta jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), l-Istati Membri jeħtiġilhom iqisu l-ħtieġa li jkomplu jżidu l-finanzjament għall-klima internazzjonali f'pajjiżi mhux tal-UE vulnerabbli f'konformità mal-ftehim adottat reċentement dwar ir-reviżjoni tal-EU ETS;

40. Jenfasizza li huma meħtieġa riżorsi finanzjarji sinifikanti minn varjetà ta' sorsi biex jiġu implimentati l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jitqies ukoll li ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom NDCs kundizzjonali, li l-kisba tagħhom tiddependi minn appoġġ finanzjarju suffiċjenti; ifakkar li l-Patt Klimatiku ta' Glasgow iħeġġeġ lill-Partijiet ta' pajjiżi żviluppati jżidu b'mod sinifikanti l-forniment tagħhom ta' finanzjament għall-klima bħala kwistjoni ta' urġenza; jinnota li mhux il-Partijiet kollha tal-pajjiżi żviluppati laħqu l-parti tagħhom tal-mira ta' finanzjament għall-klima ta' USD 100 biljun; jisħaq li n-nuqqas li jitwettaq l-impenn ta' finanzjament għall-klima sal-2020 magħmul mill-pajjiżi żviluppati f'COPs suċċessivi naqqas il-fiduċja u qed ixekkel il-progress fuq punti oħra tal-aġenda, kif ġie osservat waqt it-taħditiet dwar il-klima tal-UNFCCC ta' Bonn ta' Ġunju 2023;

41. Jinsab imħasseb dwar id-distakk dejjem jikber bejn il-ħtiġijiet tal-Partijiet ġejjin minn pajjiżi żviluppati u l-iskala, is-suffiċjenza u l-aċċessibbiltà attwali tal-finanzjament għall-klima; jissottolinja li se jkun impossibbli li dan id-distakk jingħalaq mingħajr mobilizzazzjoni sinifikanti ta' finanzjament privat, flimkien mal-finanzi pubbliċi; jiġbed l-attenzjoni għad-diskrepanza finanzjarja, b'mod partikolari għall-adattament; jisħaq li l-Partijiet għandhom jimmiraw li jilħqu bilanċ bejn il-finanzjament tal-mitigazzjoni u dak tal-adattament, u jenfasizza li fil-COP26 sar impenn biex sal-2025 il-finanzjament

kollettiv tal-adattament jiġi rduppjat abbażi tal-livelli tal-2019; jisħaq li l-finanzjament mill-pajjiżi żviluppati responsabbli għal sehem kbir tal-emissjonijiet storiċi se jkun kruċjali wkoll biex tinbena l-fiduċja għal djalogu aktar ambizzjuż dwar il-miri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jistieden lill-emittenti storiċi jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jadattaw għat-tibdil fil-klima, fost l-oħrajn permezz ta' finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet u appoġġ tekniku;

42. Jappella lill-Partijiet ġejjin minn pajjiżi żviluppati, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, jiżguraw li l-għan ta' finanzjament għall-klima ta' USD 100 biljun ikun jista' jintlaħaq u jiġi żborżat bħala medja bejn l-2020 u l-2025, u biex jagħtu aktar dettalji dwar it-triq 'il quddiem għall-għan il-ġdid ta' finanzjament għall-klima għal wara l-2025 li għandu jmur lil hinn mill-miri annwali ta' USD 100 biljun għall-2020; jemmen li l-għan ta' wara l-2025 għandu jqis il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal finanzjament klimatiku addizzjonali u adegwat, jagħti prijorità ċara lill-finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet u jinkludi kemm azzjonijiet ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament; jemmen li r-responsabbiltà biex jintlaħaq l-għan il-ġdid jeħtieġ li tinkludi bażi ta' donaturi wiesgħa li tinkludi kemm pajjiżi żviluppati kif ukoll pajjiżi oħra li huma f'pożizzjoni li jikkontribwixxu, kif ukoll sorsi innovattivi ta' finanzjament u finanzi privati; ifakkar il-fehma tiegħu li għandhom jiġu esplorati miri awtonomi għall-mitigazzjoni, l-adattament u t-telf u l-ħsara bħala parti minn dan l-għan kwantifikat kollettiv ġdid dwar il-finanzjament għall-klima; jenfasizza l-importanza tal-bini tal-kapaċitajiet u tat-taħriġ sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-klima minn atturi lokali u reġjonali sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet imfassla apposta għall-isfidi uniċi fil-prattika;

43. Ifakkar fil-konklużjonijiet tal-COP27 li l-għoti tal-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni klimatika se jirrikjedi trasformazzjoni tas-sistema finanzjarja u tal-istrutturi u l-proċessi tagħha, u bl-involviment tal-gvernijiet, il-banek ċentrali, il-banek kummerċjali, l-investituri istituzzjonali u atturi finanzjarji oħra; iqis li huwa essenzjali li jsir progress fl-Aġenda ta' Bridgetown mingħajr dewmien u li s-sistema finanzjarja internazzjonali tkun adattata għall-isfidi tas-seklu 21; jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ewlenin kollha u lill-banek multilaterali tal-iżvilupp jallinjaw il-portafolli u l-politiki ta' self tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi, jintegraw l-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-preżervazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità fil-prattiki u fil-prijoritajiet tagħhom, jeliminaw l-appoġġ dirett u indirett kollu għall-fjuwils fossili u l-ġbir u l-użu ta' data ta' kwalità għolja dwar ir-riskju klimatiku, il-vulnerabbiltà u l-impatt biex jiggwidaw id-direzzjoni tal-investimenti lejn investimenti allinjati mal-mira ta' 1,5 °C; jieħu nota tal-pjan direzzjonali mfassal fis-Summit ta' Pariġi għal Patt Finanzjarju Globali Ġdid ta' Ġunju 2023 u jappella għall-implimentazzjoni f'waqtha tiegħu;

44. Jenfasizza r-rwol tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bħala l-bank tal-UE għall-klima u l-Pjan Direzzjonali tiegħu tal-Bank Klimatiku u l-Politika dwar is-Self fis-Settur tal-Enerġija aġġornata u l-isforzi oħra tal-Fond Ewropew tal-Investiment biex imexxi l-investimenti klimatiċi; jilqa' l-fatt li l-Bank Ċentrali Ewropew impenja ruħu li jintegra l-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fil-qafas tal-politika monetarja tiegħu;

45. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-ħidma tal-Koalizzjoni tal-Ministri tal-Finanzi għall-Azzjoni dwar il-Klima u jinkoraġġixxi lill-gvernijiet kollha jadottaw l-impenji tal-koalizzjoni

biex il-politiki u l-prattiki kollha fil-mandat tal-ministeri tal-finanzi jiġu allinjati mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u jadottaw ipprezzar effettiv tal-karbonju, kif stabbilit fil-Prinċipji ta' Helsinki;

46. Ifakkar li skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-Partijiet kollha jeħtiġilhom jagħmlu l-flussi finanzjarji – pubbliċi u privati, domestiċi u internazzjonali – kompatibbli mat-triq lejn il-mira ta' 1,5 °C stabbilita f'dak il-Ftehim; jissottolinja l-importanza li dan l-element tal-Ftehim jiġi indirizzat b'mod komprensiv fil-COP28;

47. Jinnota li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima għandhom dejn moruż jew qegħdin f'riskju sinifikanti ta' dejn moruż; jilqa' l-impenn meħud mill-Bank Dinji, mill-Bank għall-Iżvilupp Inter-Amerikan, mir-Renju Unit, minn Franza, mill-Kanada u mill-Istati Uniti biex jinkludu klawżoli ta' dejn dwar ir-reżiljenza għall-klima f'self futur, sabiex ir-ripagamenti tad-dejn jiġu sospiżi f'każ ta' diżastri klimatiċi; jistieden lil pajjiżi oħra u lil banek multilaterali tal-iżvilupp, inkluż lill-BEI, jadottaw miżuri simili; jappoġġja l-istabbiliment fil-COP28 ta' rieżami espert globali dwar id-dejn, in-natura u l-klima kif propost minn Franza, mill-Kolombja u mill-Kenja matul is-Summit ta' Pariġi għal Patt Globali Ġdid ta' Finanzjament; iqis li huwa meħtieġ li jkun hemm soluzzjonijiet li jindirizzaw b'mod konġunt il-kriżijiet klimatiċi u tad-dejn; itenni l-ħtieġa li jingħata prijorità b'mod ċar lill-finanzjament għall-klima bbażat fuq l-għotjiet biex jiġi żgurat li l-finanzjament għall-klima ma jkunx jikkontribwixxi għal livelli ta' dejn mhux sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jistieden lill-Partijiet jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itaffu l-piż tad-dejn; jisħaq li ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom bżonn fiskali kbir u jirrikjedu investimenti sabiex jgħaddu s-sistemi tal-enerġija tagħhom minn tranżizzjoni u jwettqu sforzi effettivi ta' mitigazzjoni tal-klima u adattament għaliha; jenfasizza l-importanza li jiżdied il-finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet, speċjalment għall-adattament, u li l-finanzjament għall-klima pprovdut fil-forma ta' self jista' jaggrava d-dejn moruż tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jinnota li 50 % tal-finanzjament totali tal-UE għall-klima fl-2020 ġie pprovdut fil-forma ta' għotjiet u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri kollha jżidu l-finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet, b'mod partikolari għall-adattament u speċjalment għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-SIDs;

48. ifakkar li l-fjuwils fossili huma l-akbar kontributur għat-tibdil fil-klima, responsabbli għal aktar minn 75 % tal-gassijiet serra kollha u li l-pjanijiet attwali jwasslu għall-produzzjoni ta' madwar 240 % aktar faħam, 57 % aktar żejt, u 71 % aktar gass milli jkun konsistenti mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C; jinsab allarmat dwar il-fatt li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-infrastrutturi globali attwali tal-fjuwils fossili fihom infushom jaqbżu l-baġit tal-karbonju li jifdal biex jibqgħu taħt il-1,5° C, li jikkonferma l-valutazzjoni tal-AIE li ma għandux ikun hemm żvilupp ġdid taż-żejt, gass jew faħam jekk it-tisħin globali għandu jibqa' taħt il-1,5° C;

49. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li s-sussidji għall-enerġija fossili fl-Unjoni baqgħu stabbli mill-2008, b'total ta' madwar EUR 55-58 biljun fis-sena u li jikkorrispondu għal madwar terz tas-sussidji kollha għall-enerġija fl-Unjoni; itenni l-appell tiegħu biex, bħala kwistjoni ta' urġenza, jintemmu s-sussidji diretti u indiretti kollha tal-fjuwils fossili fl-UE malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2025, u sussidji oħra li jagħmlu ħsara lill-ambjent malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2027, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri permezz tal-implimentazzjoni ta'

politiki, skedi ta' żmien u miżuri konkreti; jistieden lill-Istati Membri kollha jtejbu r-rappurtar nazzjonali tagħhom tas-sussidji tal-fjuwils fossili u jippjanaw għall-eliminazzjoni gradwali tagħhom fir-reviżjonijiet li jmiss tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima;

50. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-gvernijiet madwar id-dinja nefqu aktar minn EUR 900 biljun fuq sussidji għall-fjuwils fossili fl-2022, l-ogħla ċifra li qatt ġiet irreġistrata[46]; iħeġġeġ lill-Partijiet l-oħra jtemmu s-sussidji diretti u indiretti kollha għall-fjuwils fossili mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2025;

51. Jiġbed l-attenzjoni għad-djalogu ta' Sharm el-Sheikh skont l-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi bħala opportunità biex isir progress fid-diskussjonijiet dwar approċċ ekwu għall-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili pubbliċi u privati u l-finanzi ta' ħsara għall-ambjent, l-allinjament mill-ġdid tal-finanzi għall-appoġġ ta' tranżizzjoni ġusta, u biex il-finanzjament isir aktar disponibbli u bi prezz raġonevoli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex iwettqu azzjoni klimatika, bil-ħsieb li titmexxa 'l quddiem l-azzjoni dwar l-Artikolu 2(1)(c) fil-COP28 u lil hinn; jitlob punt fl-aġenda permanenti dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu d-diskussjoni internazzjonali dwar l-istandards tal-bonds ekoloġiċi, filwaqt li jqisu l-istandard diġà stabbilit tal-UE dwar il-bonds ekoloġiċi;

52. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-Beyond Oil and Gas Alliance (Alleanza lil hinn miż-Żejt u l-Gass) (BOGA), li tnediet fil-COP26, u jisħaq fuq l-imperattiv tal-objettiv tagħha li tillimita l-provvista tal-fjuwils fossili u tistabbilixxi tmiem għall-produzzjoni taż-żejt u tal-gass; jappoġġja tranżizzjoni globali soċjalment ġusta u ekwa biex il-produzzjoni taż-żejt u tal-gass tiġi allinjata mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi; jistieden lill-Istati Membri kollha u lil Partijiet oħra għall-Ftehim ta' Pariġi biex jingħaqdu f'din l-inizjattiva; jilqa' l-impenn tal-G7 li jieqaf jiffinanzja l-iżvilupp tal-fjuwils fossili fuq livell internazzjonali sa tmiem l-2022, filwaqt li jisħaq li dan l-impenn għandu japplika wkoll fuq livell domestiku;

53. Jilqa' r-Reġistru Globali tal-Emissjonijiet tal-Fjuwil Fossili bħala repożitorju miftuħ u trasparenti tad-data dwar il-produzzjoni tal-fjuwils fossili madwar id-dinja, espress f'termini tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ inkorporati tiegħu; jemmen li l-għodda tista' twassal għal fehim aħjar tal-impatti tal-estrazzjoni fuq il-baġit tal-karbonju li jifdal, rappurtar mill-Partijiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet;

### *Il-kriżi tal-klima u l-ambjent*

54. Jissottolinja li l-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità huma interkonnessi u li r-risponsi għaż-żewġ kriżijiet jeħtieġ li jiġu allinjati; ifakkar li bħalissa 80 % tal-ħabitats fl-UE jinsabu fi stat ħażin[47]; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, b'mod partikolari l-ħamrija, il-foresti, l-ekosistemi agrikoli, il-korpi tal-ilma ħelu, l-oċeani u ekosistemi oħra b'ħafna karbonju, u li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli sabiex tissaħħaħ il-

46 Rapport tal-AIE "Fossil Fuels Consumption Subsidies 2022" (Sussidji fuq il-Konsum tal-Fjuwils Fossili), Frar 2023.
47 Stqarrija għall-istampa tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "State of nature in Europe: Damaged ecosystems need restoration" (Stat tan-natura fl-Ewropa: L-ekosistemi bi ħsara jeħtieġ li jiġu restawrati), 9 ta' Mejju 2023.

mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima bbażata fuq in-natura u tinbena r-reżiljenza, li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi; jemmen bis-sħiħ li l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi ma jistgħux jintlaħqu mingħajr ir-restawr tan-natura, inkluż fl-Unjoni; jappella għall-konklużjoni malajr ta' ftehim tal-UE dwar il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura;

55. Jenfasizza l-konklużjonijiet li jinsabu fis-sitt valutazzjoni tal-IPCC li l-konservazzjoni, il-ġestjoni mtejba u r-restawr tal-ekosistemi joffru l-akbar sehem ta' potenzjal ta' mitigazzjoni ekonomika fis-settur tal-użu tal-art; jisħaq li s-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC juri wkoll il-ħtieġa ta' implimentazzjoni ta' azzjonijiet urġenti għar-restawr ta' ekosistemi degradati, sabiex jiġu mmitigati l-impatti tat-tibdil fil-klima u jkun hemm adattament għalihom, b'mod partikolari bir-restawr ta' artijiet mistagħdra u xmajjar, foresti u ekosistemi agrikoli degradati; jinnota l-importanza espressa fir-rapport tat-teħid ta' deċiżjonijiet inklużiv mal-popli indiġeni u mal-komunitajiet lokali għall-adattament u għall-mitigazzjoni b'suċċess fost l-ekosistemi; jistieden lill-Partijiet kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jimplimentaw miżuri ambizzjużi ta' restawr tan-natura fit-territorji tagħhom u jinvestu aktar f'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u approċċi bbażati fuq l-ekosistema;

56. Jisħaq li l-agrikoltura għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità;

57. Jirrikonoxxi li ekosistemi f'saħħithom u bijodiversità rikka jsostnu s-sopravivenza tal-bniedem u jipprovdu servizzi kritiċi għall-ħajja bħall-ikel u l-ilma nadif, u jenfasizza li t-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-ixpruni diretti tat-telfien tal-bijodiversità; jindika kif it-tibdil fil-klima diġà bidel l-ekosistemi tal-art, tal-ilma ħelu u tal-baħar madwar id-dinja kollha, u kkawża telf ta' speċijiet u tnaqqis fis-servizzi ewlenin tal-ekosistema; jirrikonoxxi li dawn l-impatti mmexxija mill-klima fuq l-ekosistemi kkawżaw telf ekonomiku u ta' għajxien kbir madwar id-dinja; jinnota li s-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPPC jikkonkludi li t-tibdil fil-klima naqqas is-sigurtà tal-ikel u affettwa s-sigurtà tal-ilma minħabba t-tisħin, it-tibdil fix-xejriet tal-preċipitazzjoni, it-tnaqqis fl-elementi krijoġeniċi u t-telf tagħhom, u l-frekwenza u l-intensità akbar tal-estremitajiet klimatiċi; jisħaq li l-bjar tal-art u tal-oċeani tad-dinja assorbew 56 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżati mill-bniedem ta' dawn l-aħħar 60 sena, u li skont l-IPCC, iż-żamma tar-reżiljenza tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistema fuq skala globali tiddependi minn konservazzjoni effettiva u ekwa ta' madwar 30 % sa 50 % taż-żoni tal-art, tal-ilma ħelu u tal-oċeani tad-dinja[48];

58. Jissottolinja li l-konservazzjoni u r-restawr ta' ekosistemi b'livell għoli ta' karbonju bħal torbieri, artijiet mistagħdra, artijiet tal-merħliet, u ekosistemi tal-karbonju blu bħall-marġijiet salmastri, l-akli tal-qiegħ u l-mangrovja joffru firxa wiesgħa ta' benefiċċji ta' mitigazzjoni u adattament; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-immappjar ta' dawn l-ekosistemi, biex taħdem aktar fuq l-identifikazzjoni ta' metodoloġiji robusti, trasparenti u bbażati fuq ix-xjenza għall-kontabbiltà xierqa tal-assorbiment u l-emissjonijiet tal-karbonju minn dawk l-ekosistemi b'mod li ma jimminax objettivi oħra tal-bijodiversità;

59. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi tal-popli indiġeni u l-

[48] IPCC, Sixth Assessment Report (Is-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni), 20 ta' Marzu 2023.

komunitajiet lokali billi tiġi żgurata protezzjoni regolatorja effettiva u robusta tal-ambjent, id-drittijiet tal-art u d-drittijiet tal-popli indiġeni, l-għajxien u l-kulturi, inkluż għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat; jisħaq fuq ir-rwol ċentrali tal-komunitajiet indiġeni fl-azzjoni klimatika, l-implimentazzjoni, il-ġbir tad-data, it-teħid ta' deċiżjonijiet, u l-kondiviżjoni tal-għarfien; jistieden lill-Partijiet jiżguraw li l-impenji li saru fil-COP28 biex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi jallinjaw mal-obbligi u l-istandards internazzjonali eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem applikabbli għall-operazzjonijiet kummerċjali, u jirrispettaw id-drittijiet tal-popli indiġeni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti d-difensuri ambjentali u jitlob lil dawk responsabbli għall-qtil, l-attakki defamatorji, l-atti ta' persekuzzjoni, il-kriminalizzazzjoni, il-priġunerija, il-fastidju u l-intimidazzjoni fil-konfront tagħhom għandhom jinżammu responsabbli;

60. Jilqa' bis-sħiħ il-ftehim dwar il-Qafas Globali tal-Bijodiversità Kunming-Montreal, li ġie adottat fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni b'mod effettiv, malajr u bis-sħiħ tal-Qafas Kunming-Montreal tal-Bijodiversità Globali sabiex dan ikun ta' suċċess; ifakkar fil-falliment fl-ilħuq tal-miri ta' Aichi, l-aktar minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni;

61. Ifakkar fil-mira 8 tal-Qafas tal-Bijodiversità Kunming-Montreal, għall-minimizzazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani fuq il-bijodiversità u għaż-żieda tar-reżiljenza tiegħu permezz ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni, adattament u tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u/jew approċċi bbażati fuq l-ekosistema, bil-minimizzazzjoni u t-trawwim tal-impatti pożittivi tal-azzjoni klimatika fuq il-bijodiversità; ifakkar fir-rapport ferm importanti bit-titolu "The European environment – state and outlook 2020" (L-ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti għall-2020), li jsib li l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi huma mistennija li jintensifikaw, filwaqt li attivitajiet bħall-agrikoltura, is-sajd, it-trasport, l-industrija u l-produzzjoni tal-enerġija jkomplu jikkawżaw telfien tal-bijodiversità u emissjonijiet ta' ħsara;

62. Iħeġġeġ lill-Partijiet iżidu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom fis-setturi tal-art, tal-ilma ħelu u tal-oċeani permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fiċ-ċiklu li jmiss tagħhom ta' NDCs, pjanijiet ta' adattament nazzjonali u strateġiji fit-tul għal żvilupp b'emissjonijiet baxxi flimkien mal-istrateġiji u l-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar il-bijodiversità;

63. Jilqa' l-isforzi kollha mill-gvernijiet u l-atturi mhux governattivi biex jimmassimizzaw il-potenzjal tal-ħamrija ħalli jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima u tittejjeb id-disponibbiltà tal-ilma; jissottolinja l-impatti transfruntiera tad-degradazzjoni tal-ħamrija li jiġġustifikaw sforzi internazzjonali konġunti biex jiġi indirizzat it-theddid kollu tad-degradazzjoni tal-ħamrija; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza kbira tat-torbiera għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jappella għal sforzi fuq livelli globali u fl-UE biex jiġu restawrati malajr it-torbiera, sabiex ikunu jistgħu jkunu bjar ta' karbonju aktar milli sors;

64. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma, inklużi l-baċiri tax-xmajjar, l-akwiferi u l-lagi; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-deżertifikazzjoni, in-nixfiet, l-

għargħar u t-tniġġis tal-ilma, u l-ħtieġa ta' approċċi komuni biex jipprevjenu u jadattaw b'mod xieraq għal dan il-fenomenu u jegħlbuh; jissottolinja, għalhekk, l-importanza tad-disponibbiltà tal-ilma u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; jenfasizza li l-istress idriku qed isir tħassib kbir u li qed jikber fl-Ewropa u li n-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma ma għadhomx avvenimenti rari jew estremi, b'madwar 20 % tat-territorju Ewropew u 30 % tal-Ewropej jiġu affettwati minn stress idriku matul sena medja skont l-EEA[49]; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprevenuti pressjonijiet eċċessivi minn attivitajiet ekonomiċi fuq il-korpi tax-xmajjar f'xi reġjuni tal-Ewropa li jaffettwaw il-fluss ekoloġiku tagħhom; jappella għall-użu effiċjenti, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-ilma u għall-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi li jappoġġjaw ir-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' implimentazzjoni rapida u sħiħa tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha u jiġu ġestiti aħjar r-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa;

65. Jilqa' l-adozzjoni tat-Trattat storiku dwar l-Ibħra Internazzjonali tan-NU, jew it-trattat dwar id-Diversità Bijoloġika lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali; jistieden lill-Partijiet ikomplu l-ħidma fuq id-Djalogu dwar l-Oċeani u t-Tibdil fil-Klima u jesprimi l-appoġġ tiegħu għad-Deċennju dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli u "Mission Starfish 2030: Restore our Ocean and Waters" tal-Kummissjoni (Missjoni Starfish għall-2030: Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna); jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li attwalment huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, id-deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; jenfasizza li l-IPCC ifakkar li l-oċean huwa parti mis-soluzzjoni għall-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalihom; ifakkar fl-importanza ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-oċeani anke fir-restawr tal-ekosistemi, l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u l-provvista tar-riżorsi;

66. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik anke minħabba l-impatt klimatiku tal-plastik matul iċ-ċikli tal-ħajja tiegħu; jilqa' l-ħidma li għaddejja dwar it-Trattat Globali dwar il-Plastik u jistieden lill-istati membri tan-NU jilħqu ftehim ambizzjuż u effettiv, konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi, sa mhux aktar tard mill-2024; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tniġġis tal-plastik billi jitnaqqas l-iskart fis-sors tiegħu, jitnaqqas l-użu u l-konsum tal-plastik, u tiżdied iċ-ċirkolarità; jappella għal approċċ sistemiku għall-indirizzar b'mod xieraq tat-tniġġis tal-plastik fl-ambjent, inklużi l-mikroplastik, u l-impatt tiegħu fuq it-tibdil fil-klima;

*Metan u gassijiet serra mhux tas-$CO_2$ oħra*

67. Jilqa' l-fatt li 122 Parti saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'Rabta mal-Metan; iħeġġeġ bil-qawwa b'mod partikolari lill-Partijiet kbar li jarmu l-metan u li ma ngħaqdux mal-wegħda biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan fil-COP26, filwaqt li l-parteċipanti tal-wegħda qablu li volontarjament jikkontribwixxu għal sforz kollettiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-metan b'mill-inqas 30 % meta mqabbla mal-livelli tal-2020 sal-2030; iħeġġeġ lill-firmatarji kollha biex jiżguraw li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan fit-

[49] Ir-rapport tal-EEA bit-titolu "Water resources across Europe – confronting water stress: an updated assessment" (Riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa – niffaċċjaw l-istress idriku: valutazzjoni aġġornata), Ottubru 2021.

territorji tagħhom b'mill-inqas 30 % mil-livelli tal-2020 sal-2030 u jadottaw miżuri nazzjonali biex jintlaħaq dan l-għan; jitlob lill-firmatarji tal-impenn biex itejbu l-governanza dwar il-metan billi jfasslu qafas ġenerali biex jagħmlu progress lejn l-impenn kollettiv; jappella għal aktar attenzjoni fil-COP li jmiss u fil-COPs futuri biex jiġu mmitigati l-gassijiet serra mhux tas-$CO_2$;

68. Jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; jinnota li l-ebda Parti ma stabbiliet xi miri kwantifikati biex tindirizza l-emissjonijiet tal-metan mill-bhejjem; itenni l-appell tiegħu ħalli jiġi żgurat tnaqqis ambizzjuż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu;

69. Ifakkar fil-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija; jissottolinja li l-qbid tal-metan fil-katina tal-valur taż-żejt u tal-gass huwa ġġustifikat mill-perspettiva ekonomika u tad-dipendenza enerġetika; itenni li l-importaturi tal-enerġija fossili lejn l-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal regoli li huma simili għal dawk għall-produtturi fl-Unjoni; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, mira vinkolanti tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan għall-2030 li tkopri s-setturi emittenti rilevanti kollha u li tinkludi l-metan fost is-sustanzi niġġiesa regolati fid-Direttiva dwar l-Impenji Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet[50];

***Sforzi fis-setturi kollha***

70. Jenfasizza l-fatt li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 'l hawn u li dan mhux kompatibbli mal-għanijiet klimatiċi tal-UE, li jirrikjedu tnaqqis akbar u aktar mgħaġġel fl-emissjonijiet mis-setturi kollha tas-soċjetà, inklużi s-setturi tal-avjazzjoni u dak marittimu; jilqa' f'dan ir-rigward l-inklużjoni tal-emissjonijiet marittimi u tal-avjazzjoni fl-EU ETS, li se trawwem ambizzjoni akbar fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO); jinsab imħasseb dwar il-progress kajman miksub fl-OMI u l-ICAO biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet mit-trasport internazzjonali bil-baħar u bl-ajru;

71. Jistieden lill-OMI tadotta azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet marittimi f'konformità mal-Miri Bbażati fuq ix-Xjenza u l-limitu ta' 1,5 °C stabbilit mill-Ftehim ta' Pariġi, li jirrikjedi tnaqqis ta' 37 % tal-emissjonijiet sal-2030, 96 % sal-2040 u 100 % sal-2050; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw din l-ambizzjoni; jinnota li l-Miri Bbażati fuq ix-Xjenza diġà ġew approvati minn nazzjonijiet żviluppati bħall-Istati Uniti, ir-Renju Unit, il-Kanada u New Zealand u pajjiżi vulnerabbli għall-klima bħal Fiġi, il-Gżejjer Solomon, il-Gżejjer Marshall, Tuvalu u Palau; jirrikonoxxi li jekk in-negozjati tal-OMI jonqsu milli jiksbu azzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE għandha tirrevedi l-leġiżlazzjoni tat-tbaħħir tagħha biex tkabbar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tallinjaha mal-Miri Bbażati fuq ix-Xjenza; jinnota li l-leġiżlazzjoni tat-tbaħħir tal-UE approvata reċentement hija pass fid-direzzjoni t-tajba iżda jirrikonoxxi li huma meħtieġa aktar sforzi biex it-tbaħħir b'emissjonijiet żero; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jerġgħu jibdew in-negozjati tal-UNFCCC

[50] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

dwar l-attribuzzjoni tal-emissjonijiet tat-tbaħħir internazzjonali lill-inventarji nazzjonali fuq bażi ta' 50-50 % li jirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS u tal-FuelEU Maritime; jistieden lill-UE timpenja ruħha f'diplomazija bilaterali u multilaterali biex tappoġġja lil pajjiżi oħra fit-twaqqif ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali tagħhom stess biex tiddekarbonizza s-settur tat-tbaħħir;

72. Jinnota li l-emissjonijiet tal-karbonju iswed mit-trasport bil-baħar żdiedu fuq livell globali bi 12 % bejn l-2012 u l-2018, u bi 85 % fl-Artiku bejn l-2015 u l-2019[51]; jisħaq li l-karbonju iswed huwa stmat li jammonta għal madwar 21 % tal-emissjonijiet mit-trasport bil-baħar fuq perjodu ta' żmien ta' 20 sena[52]; jappella għal azzjoni immedjata biex titreġġa' lura ż-żieda attwali fl-emissjonijiet tal-karbonju iswed mit-tbaħħir tal-Artiku, b'mod partikolari fid-dawl tar-rata allarmanti li biha qed idub l-Artiku; jikkunsidra bil-qawwa li l-projbizzjoni mill-OMI fuq l-użu ta' żejt tal-fjuwil tqil fl-Artiku għad għandha lakuni u għalhekk tirriskja li ssir ineffettiva fil-protezzjoni tal-Artiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-bastimenti kollha li jidħlu fil-portijiet tal-UE u jivvjaġġaw fi jew ħdejn l-Artiku jaqilbu għal distillati aktar nodfa u jinstallaw filtri tal-partikoli, li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju iswed b'aktar minn 90 %;

73. Jindika l-impatt sproporzjonat fuq il-klima tal-użu ta' ġettijiet privati; jisħaq li l-ġettijiet privati jniġġsu sa 14-il darba aktar minn ajruplani kummerċjali għal kull passiġġier; jinnota bi tħassib li l-użu privat tal-ġettijiet fl-Ewropa huwa stmat li żdied b'30 % meta mqabbel mal-livell ta' qabel il-pandemija[53]; jistieden lill-Partijiet kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jieħdu miżuri biex jiskoraġġixxu l-użu ta' ġettijiet privati; jissottolinja l-importanza li l-mexxejja jmexxu bl-eżempju u jħeġġeġ lill-parteċipanti kollha fil-COP28, inkluż mill-istituzzjonijiet tal-UE, iżommu lura milli jużaw ġettijiet privati u jagħżlu l-għażla tat-trasport li l-inqas tniġġes possibbli biex jilħqu d-destinazzjoni tagħhom;

74. Jisħaq li s-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC jirrikonoxxi l-importanza u l-potenzjal ta' mitigazzjoni tas-"suffiċjenza" u l-politiki min-naħa tad-domanda għall-ilħuq tal-miri klimatiċi tagħna, flimkien mal-effiċjenza enerġetika u s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili b'enerġiji rinnovabbli; jisħaq ukoll li r-rapport juri li t-tnaqqis fid-domanda u l-bidliet fix-xejriet tal-konsum jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra fis-setturi tal-użu finali b'40-70 % sal-2050 meta mqabbla max-xenarji bażi; jirrikonoxxi li l-potenzjal ta' tnaqqis huwa ogħla għall-pajjiżi u s-segmenti tal-popolazzjoni b'livelli relattivament għoljin ta' konsum, u jħeġġeġ lill-Partijiet tal-UNFCCC kollha biex jintegraw dawn l-aspetti fl-NDCs tagħhom;

75. Jilqa' l-liġi l-ġdida introdotta fi Franza li tipprojbixxi titjiriet fuq distanzi qosra għal vjaġġi li jistgħu jsiru f'inqas minn sagħtejn u nofs bil-ferrovija; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jintroduċu tali projbizzjoni fuq titjiriet fuq distanzi qosra;

76. Ifakkar li l-agrikoltura kienet responsabbli għal 11 % tal-emissjonijiet domestiċi totali

---

[51] White Paper, "The International Maritime Organization's proposed Arctic heavy fuel oil ban: likely impacts and opportunities for improvement" (Il-projbizzjoni proposta tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar iż-żejt fjuwil fl-Artiku l-impatti u l-opportunitajiet probabbli għal titjib), 2020.
[52] Comer, B., et al., "Black carbon emissions and fuel use in global shipping" (L-emissjonijiet tal-karbonju iswed u l-użu tal-fjuwil fit-tbaħħir globali), 2015.
[53] Transport & Environment, "Private jets: can the super-rich supercharge zero-emission aviation?" (Ġettijiet privati: il-persuni sinjuri ħafna jistgħu jużaw l-avjazzjoni b'emissjonijiet żero netti?), April 2021.

ta' gassijiet serra tal-UE fl-2020[54] u jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; jisħaq li tranżizzjoni lejn prattiki agrikoli aktar sostenibbli, ktajjen tal-provvista iqsar u bidla lejn ikel, dieti u stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa, inkluż żieda fil-konsum ta' pjanti prodotti b'mod sostenibbli u reġjonali u ikel ibbażat fuq il-pjanti, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet agrikoli u għalhekk iżidu l-mitigazzjoni u l-adattament filwaqt li jnaqqsu l-pressjoni fuq l-art u jirrestawraw il-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi; itenni li l-konsum eċċessiv tal-laħam u tal-prodotti pproċessati ħafna jeħtieġ li jiġi indirizzat;

77. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata agrikoltura aktar sostenibbli, inkluż billi l-bdiewa jingħataw alternattivi sabiex inaqqsu l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi sintetiċi; jenfasizza li t-tnaqqis tal-produzzjoni u l-użu ġenerali ta' fertilizzanti N sintetiċi, u ż-żieda fl-użu tas-sekwestru tal-karbonju naturali fil-ħamrija u fil-materja organika tal-ħamrija jistgħu joffru benefiċċji multipli billi jżidu l-fertilità tal-ħamrija u r-restawr tal-bijodiversità filwaqt li jipprovdu potenzjal sostanzjali ta' mitigazzjoni;

78. Jisħaq li s-setturi kollha jeħtiġilhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, inkluż is-settur tad-difiża, filwaqt li jżommu l-effettività operazzjonali, u li l-iżvilupp tat-teknoloġiji u l-istrateġiji ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur tad-difiża għandu jiġi aċċellerat; jinnota li l-inklużjoni ta' emissjonijiet militari diżaggregati fil-preżentazzjonijiet tal-UNFCCC hija volontarja u attwalment mhuwiex possibbli li jiġu identifikati emissjonijiet ta' gassijiet serra militari rrappurtati mid-data tal-UNFCCC ippreżentata; jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jifformulaw proposta għall-kontabbiltà trasparenti tal-emissjonijiet militari għall-UNFCCC, li tirrikonoxxi l-adozzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, u sabiex jimplimentaw bis-sħiħ il-Pjan Direzzjonali għat-Tibdil fil-Klima u d-Difiża;

79. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra militari jkunu inklużi fil-miri żero netti domestiċi sabiex jitħaffef l-iżvilupp ta' teknoloġiji u strateġiji ta' dekarbonizzazzjoni;

80. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-ħolqien ta' pjattaforma globali għall-valutazzjoni tal-ħsara ambjentali kkawżata matul il-kunflitti armati – inizjattiva tal-Gvern Ukren; jistieden lill-Kummissjoni tesplora din l-idea u tfassal proposta qabel il-COP28 għall-ħolqien ta' pjattaforma internazzjonali bħal din; jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lill-impatti ambjentali u klimatiċi tal-kunflitti armati;

81. Jilqa' l-fatt li bosta sħab kummerċjali tal-UE introduċew l-iskambju tal-karbonju jew mekkaniżmi oħra tal-ipprezzar tal-karbonju u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi dan u politiki simili fuq skala globali u tesplora rabtiet u forom oħra ta' kooperazzjoni ma' mekkaniżmi eżistenti tal-ipprezzar tal-karbonju f'pajjiżi mhux tal-UE sabiex tħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet kosteffiċjenti u soċjalment ġust mad-dinja kollha; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tistabbilixxi salvagwardji li jiżguraw li kwalunkwe rabta mal-EU ETS se tkompli twassal għal kontributi ta'

[54] Briefing tal-EEA, "https://www.eea.europa.eu/publications/Progress-and-prospects-for-decarbonisation/progress-and-prospects-for-decarbonisation" (Progress u prospetti għad-dekarbonizzazzjoni fis-settur agrikolu u lil hinn), 2022.

mitigazzjoni addizzjonali u permanenti, li ma jimminawx l-impenji tal-UE relatati mal-emissjonijiet domestiċi ta’ gassijiet serra;

82. Jenfasizza l-fatt li l-mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri tal-UE se jipprovdi mekkaniżmu effettiv għall-prezz tal-emissjonijiet minn prodotti importati fl-UE u biex jindirizza r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju filwaqt li jappoġġja l-adozzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju madwar id-dinja, li se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju globali u għall-ilħuq tal-għanijiet tal-Ftehim ta’ Pariġi u jiżgura li l-objettivi klimatiċi tal-UE ma jiġux mminati minħabba r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;

83. jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat l-impatt klimatiku u ambjentali tas-settur tat-tessuti; jirrikonoxxi li l-industrija tat-tessuti jeħtieġ li jkollha rwol importanti fit-trasformazzjoni għal ekonomija ċirkolari u tindirizza l-isfidi relatati, pereżempju, mal-prevenzjoni tal-iskart, mal-immaniġġjar tal-iskart, mat-tixrid tal-mikroplastik, l-użu tal-ilma, il-produzzjoni eċċessiva u d-durabbiltà ġenerali u n-nuqqas ta’ tossiċità tal-proċess tal-produzzjoni u r-riċiklabbiltà tal-prodotti tat-tessuti, inkluż billi jiġi żgurat li t-tessuti jkunu ddisinjati biex ikunu dejjiema u riċiklabbli; jisħaq li l-ħidma lejn l-istabbiliment ta’ standards globali għal meta l-marki jistgħu jagħmlu asserzjonijiet ambjentali dwar prodott hija imperattiva; jenfasizza, f’dan ir-rigward, li kriterji obbligatorji konsistenti u trasparenti se jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati u jipprevjenu l-greenwashing u jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet ta’ sostenibbiltà jkunu sostnuti minn evidenza verifikabbli;

84. Jisħaq li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jwasslu għal skarsezza ta’ riżorsi naturali, jistgħu jżidu l-kunflitti u t-tensjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta’ ikel u l-katastrofi naturali, u huma xprunaturi ewlenin tal-ispostament tal-bniedem u tal-multiplikaturi tat-theddid; jenfasizza l-fatt li n-nisa huma affettwati b’mod sproporzjonat minn dan u li 80 % tan-nies spostati mit-tibdil fil-klima huma nisa[55]; jistenna li l-COP28 tagħti aktar attenzjoni lill-ispostament ikkawżat mill-klima; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltà tal-persuni affettwati mill-ispostament klimatiku u jżidu l-isforzi biex jinstabu soluzzjonijiet;

85. Jenfasizza l-fatt li l-Mediterran huwa wieħed mir-reġjuni fid-dinja l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima; jinnota li l-baċir tal-Mediterran qed jisħon 20 % aktar malajr mill-medja globali, u li r-reġjun huwa wieħed mill-hotspots prinċipali tat-tibdil fil-klima fid-dinja, fejn 250 miljun persuna huma mistennija jiġu kkunsidrati bħala “fqar fir-riżorsi tal-ilma” fi żmien 20 sena[56]; jissottolinja li l-Mediterran qed jinbidel fil-baħar li qed jisħon l-aktar malajr fid-dinja[57] b’konsegwenzi għal setturi ekonomiċi importanti u l-ekosistema kollha tal-baħar, li se jwassal għal tibdil irriversibbli għall-ekosistema u l-ispeċijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġixxu b’urġenza u jikkooperaw mas-sħab Mediterranji tagħhom biex jaħdmu fuq miżuri ta’ adattament

[55] UNDP, “Gender and Climate Change – Overview of linkages between gender and climate change” (Il-Ġeneru u t-Tibdil fil-Klima – Ħarsa ġenerali lejn ir-rabtiet bejn il-ġeneru u t-tibdil fil-klima), 2016.
[56] Mediterranean experts on climate and environmental change, “Risks associated to climate and environmental changes in the Mediterranean region” (Riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima u fl-ambjent fir-reġjun tal-Mediterran), 2019.
[57] WWF Mediterranean Marine Initiative, “The Climate Change Effect in the Mediterranean – Six stories from an Overheating Sea” (L-Effett tat-Tibdil fil-Klima fil-Mediterran – Sitt stejjer minn Baħar li qed Jisħon Iżżejjed), Ruma, l-Italja, 2021.

ambizzjużi u jmexxu l-azzjoni ta' mitigazzjoni;

86. Jinnota li hemm interess xjentifiku u politiku dejjem akbar fil-modifika tar-radjazzjoni solari (SRM) bħala sett ta' approċċi ta' inġinerija klimatika propost biex jiġi rifless b'mod artifiċjali d-dawl tax-xemx u titkessaħ il-pjaneta, bħal injezzjoni stratosferika ta' aerosol; jisħaq li l-SRM ma jindirizzax il-kawża ewlenija tat-tibdil fil-klima u mhuwiex alternattiva għall-isforzi ta' mitigazzjoni; jinnota n-nuqqas ta' ċertezza xjentifika dwar l-effetti u jesprimi tħassib dwar ir-riskji globali u l-impatti negattivi tal-SRM fuq l-ambjent u l-istabbiltà klimatika u ġeopolitika; jissottolinja, għalhekk, li approċċ globali huwa essenzjali u li l-ebda pajjiż ma għandu jesperimenta b'mod unilaterali b'din it-teknoloġija; jieħu nota tal-fatt li riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-governanza globali ġiet imblukkata; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibdew ftehim ta' nuqqas ta' użu fil-livell internazzjonali, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni u fin-nuqqas ta' evidenza tas-sikurezza tiegħu u kunsens globali sħiħ dwar l-aċċettabbiltà tiegħu;

*It-tibdil fil-klima u l-ġeneru*

87. Jirrimarka l-fatt li n-nies huma affettwati mit-tibdil fil-klima b'modi differenti skont fatturi bħall-ġeneru, l-età, id-diżabilità, l-etniċità u l-faqar; jinnota li l-popolazzjonijiet vulnerabbli, bħall-popli foqra, indiġeni, in-nisa u l-anzjani huma l-aktar milquta mill-konsegwenzi tiegħu; jemmen li l-bilanċ bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u lill-bniet huma kruċjali għal tranżizzjoni inklużiva u ġusta; jenfasizza l-ħtieġa ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri aktar effettiva fil-miri u l-għanijiet rilevanti kollha;

88. Jistieden lill-Partijiet kollha, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, iżidu l-isforzi biex jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-NDCs riveduti tagħhom, kif ukoll fil-politiki klimatiċi u ambjentali, b'mod partikolari dawk relatati mal-mitigazzjoni, l-adattament u t-telf u l-ħsara, u jżidu l-involviment sinifikattiv tal-gruppi tan-nisa fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' azzjonijiet aktar konkreti mill-Partijiet kollha, inkluża l-UE, biex jitwettqu l-impenji li jinsabu fil-Pjan imġedded ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi miftiehem fil-25 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP25); iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-isforzi biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II;

89. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titħaffef l-azzjoni għat-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, u għalhekk l-implimentazzjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-Qafas ta' Sendai; jappella biex isiru aktar sforzi biex tingħata prijorità u jitqies il-ġeneru fit-tħejjija għad-diżastri, b'mod partikolari meta jintużaw settijiet ta' data diżaggregat għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;

90. Iqis li l-aċċess tan-nisa għal finanzjament inklużiv għall-klima għandu jiżdied u jkun permess; jenfasizza l-fatt li l-finanzjament tal-klima reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru huwa kritiku għal tranżizzjoni ġusta; jenfasizza l-importanza ta' approċċ li jittrasforma l-perspettiva tal-ġeneri fil-finanzjament għall-klima; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrapportaw dwar ir-rispons għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-kontributi tagħhom għall-finanzjament tal-klima u jżidu l-koerenza bejn l-appoġġ għall-

ġeneru u l-klima permezz ta' strumenti ta' azzjoni esterna u permezz tal-BEI, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tan-nisa u tan-nisa fil-governanza, it-teħid ta' deċiżjonijiet u programmi li jappoġġjaw ir-rwol tan-nisa fil-governanza klimatika;

91. Jenfasizza l-importanza li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kuntest tad-diplomazija dwar il-klima, inkluż fid-delegazzjonijiet tas-COP u fit-tmexxija fil-livelli kollha tal-azzjoni klimatika; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-nisa kienu jiffurmaw inqas minn 34 % tat-timijiet ta' negozjati tal-pajjiżi fil-COP27 u li sa 90 % ta' xi delegazzjonijiet tal-Partijiet kienu magħmula minn irġiel; jistieden lill-Partijiet kollha jimmiraw biex ikun hemm ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-delegazzjonijiet tagħhom u fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet u n-negozjati; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jinnominaw punt fokali nazzjonali dwar il-ġeneru u t-tibdil fil-klima u jżidu r-riżorsi, it-taħriġ u l-appoġġ tagħhom, inkluż fl-UE;

*Il-politika dwar l-enerġija*

92. Jilqa' l-inizjattivi kollha biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili; jinnota l-ħidma li għaddejja mill-UE mas-sħab internazzjonali biex tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija;

93. Jenfasizza l-fatt li t-tibdil fil-klima u l-avvenimenti estremi qed ikollhom impatt fuq is-sistemi tal-enerġija tagħna, inkluża l-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika, ir-rendiment tal-bijoenerġija, l-effiċjenza tal-impjanti tal-enerġija termali u d-domandi għat-tisħin u t-tkessiħ; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu żviluppati għażliet ta' modifika aktar fattibbli tas-sistema tal-enerġija li jappoġġjaw ir-reżiljenza tal-infrastruttura, is-sistemi tal-enerġija affidabbli u l-użu effiċjenti tal-ilma għas-sistemi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija attwali u ġodda;

94. Jilqa' l-miri vinkolanti aktar ambizzjużi tal-UE miftiehma mill-koleġiżlaturi fl-2023 għall-enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli ta' 42,5 %, u l-għan li jinkiseb 45 %, u l-mira ta' 11,7 % ta' effiċjenza enerġetika skont id-Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza Enerġetika (EED);

95. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-effiċjenza enerġetika u s-sistema tal-enerġija diversifikata fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima[58]; jirrikonoxxi l-progress miksub fl-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jappella, fl-istess ħin, għal żvilupp ulterjuri ta' azzjonijiet effiċjenti fl-enerġija bħall-integrazzjoni tas-settur u l-użu mill-ġdid ta' sħana żejda; jirrikonoxxi, madankollu, l-importanza tal-allinjament tal-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika biex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u biex ikun hemm konformità mal-Ftehim ta' Pariġi; jirrikonoxxi li ambizzjoni akbar fil-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 għandha tkun kompatibbli maż-żieda u l-użu tal-elettrifikazzjoni, l-idroġenu, il-fjuwils elettroniċi u teknoloġiji nodfa oħra meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika;

96. Ifakkar fil-ħtieġa ta' żieda u ta' aċċellerazzjoni kbira tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli sabiex dawn isiru kemm jista' jkun

[58] IPCC 2023 – Synthesis report AR6 (IPCC 2023 – Rapport ta' sinteżi AR6).

prevedibbli;

97. Ifakkar fl-impenn tal-Unjoni għall-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", li jqis il-kosteffiċjenza, l-effiċjenza tas-sistema, il-kapaċità tal-ħżin, il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda u s-sigurtà tal-provvista; jissottolinja l-importanza tal-integrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-prinċipju fil-leġiżlazzjoni, l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet ta' politika rilevanti kollha u fis-setturi kollha, meta xieraq; jindika l-potenzjal mhux sfruttat tal-effiċjenza enerġetika f'setturi bħall-industrija[59], , it-teknoloġija tal-informazzjoni, it-trasport u l-bini, inklużi t-tisħin u t-tkessiħ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw malajr miri ambizzjużi kif stabbilit fir-reviżjoni tal-EED li ġiet miftiehma dan l-aħħar;

98. Jemmen li, sabiex l-Unjoni tikseb in-newtralità klimatika, is-sistema tal-enerġija tagħha għandha tiġi integrata u bbażata fuq prijorità kaskata li tibda mill-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"; ifakkar li, sabiex ikun hemm impatt, il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jeħtieġ li jiġi applikat b'mod konsistenti minn deċiżuri nazzjonali, reġjonali, lokali u settorjali fix-xenarji rilevanti kollha meta jieħdu deċiżjonijiet ta' politika, ippjanar u investiment ewlieni; ifakkar ukoll li dan il-prinċipju jimplika l-adozzjoni ta' approċċ olistiku, li jqis l-effiċjenza kumplessiva tas-sistema tal-enerġija integrata, is-sigurtà tal-provvista u l-kosteffettività u jippromwovi l-aktar soluzzjonijiet effiċjenti għan-newtralità klimatika fil-katina totali tal-valur, mill-produzzjoni tal-enerġija u t-trasport tan-network sal-konsum tal-enerġija finali, sabiex jinkisbu effiċjenzi kemm fil-konsum tal-enerġija primarja kif ukoll f'dik finali; iqis li dan l-approċċ għandu jqis il-prestazzjoni tas-sistema u l-użu dinamiku tal-enerġija, fejn ir-riżorsi orjentati lejn id-domanda u l-flessibbiltà tas-sistema huma kkunsidrati bħala soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika;

99. Jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef l-elettrifikazzjoni tad-domanda għall-enerġija, li tibni fuq sistema tal-enerġija bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li s-swieq tal-elettriku jintegraw is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli filwaqt li jipprovdu flessibbiltà fir-rigward tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija; jitlob li jkun hemm suq tal-elettriku li jirrispondi għall-klima, li jibqa' validu għall-futur u li jkun lest biex jindirizza x-xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija; jilqa' r-riforma tas-suq tal-elettriku tal-UE sabiex jiżdied ir-ritmu tat-tkabbir tal-enerġija rinnovabbli u tal-eliminazzjoni gradwali tal-gass, jiġu żgurati kontijiet tal-konsumatur għal but ta' kulħadd li jkunu jiddependu anqas mill-prezzijiet volatili tal-fjuwils fossili, il-konsumaturi jitħarsu aktar minn żidiet qawwija tal-prezzijiet fil-futur u minn manipulazzjoni potenzjali tas-suq, u l-industrija tal-UE ssir nadifa u aktar kompetittiva;

100. Jissottolinja li l-politiki kollha dwar l-enerġija għandhom jiġu segwiti skont il-prinċipju ta' tranżizzjoni ġusta kif ukoll f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali; iqis, għalhekk, li politiċi pubbliċi, involviment tas-soċjetà ċivili u sħubijiet soċjali msaħħa fil-livell lokali, nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, huma fundamentali biex tinkiseb in-newtralità klimatika fis-setturi kollha tas-soċjetà b'mod ġust, inklużiv u sostenibbli mil-lat soċjali;

101. Jitlob li t-tmexxija Ewropea fl-industrija tal-enerġija rinnovabbli u l-ktajjen tal-

---

[59] Huwa stmat li l-potenzjal ekonomiku tat-tnaqqis tal-konsum finali tal-enerġija għall-industrija sal-2030, meta kollox jibqa' għaddej bħas-soltu, huwa 23,5 %.

provvista tagħha jiffurmaw parti mill-politika industrijali tal-UE;

102. Iħeġġeġ il-kontinwazzjoni tal-ħidma biex tiġi riveduta d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija bl-għan li l-politiki tat-tassazzjoni jiġu allinjati mal-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030 u l-2050, filwaqt li jiġu vvalutati l-impatti tagħha, inkluż fuq il-konsumaturi, il-faqar enerġetiku u tat-trasport;

103. Jisħaq li għalkemm l-Ewropa qed taħdem biex tissodisfa l-għanijiet ambizzjużi tagħha, il-kisba ta' emissjonijiet globali żero netti sa mhux aktar tard mill-2050 se tkun tirrikjedi azzjonijiet globali kkoordinati; jenfasizza li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw se jirrikjedu assistenza internazzjonali sabiex jiksbu t-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom; jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera mill-qrib u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki ma' sħab internazzjonali fl-oqsma tat-tfassil tal-politika u x-xjenza, inkluż it-trasferiment tat-teknoloġija, sabiex jiġu promossi l-effiċjenza enerġetika u l-investimenti f'teknoloġiji u infrastruttura tal-enerġija sostenibbli; jilqa' l-fatt li l-COP27 rat it-tnedija ta' programm ġdid ta' ħames snin biex jiġu promossi soluzzjonijiet tat-teknoloġija klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

*L-industrija, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-kompetittività*

104. Jemmen li l-prosperità ekonomika, il-koeżjoni soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi, l-iżvilupp industrijali sostenibbli u l-politika dwar il-klima għandhom isaħħu lil xulxin b'mod reċiproku; jenfasizza li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għandu jkollha l-għan li tnaqqas il-faqar enerġetiku, iżżid ir-reżiljenza u l-kompetittività, u tipprovdi opportunitajiet għall-industrija u l-SMEs tal-UE li jistgħu jiġu adottati jekk il-leġiżlaturi jimpenjaw ruħhom għal risponsi politiċi f'waqthom, imfassla apposta, ibbażati fuq is-solidarjetà u adegwati; iqis li huwa ta' importanza kbira għall-Unjoni li tiżgura tranżizzjoni ġusta u li tikseb vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel, u li tmexxi bl-eżempju filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-industriji Ewropej fuq livell globali;

105. Jisħaq li l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex iżżomm il-pożizzjoni ewlenija u l-kompetittività globali tal-industriji tagħha fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti; jissottolinja l-ħtieġa li l-industrija Ewropea tiġi dekarbonizzata malajr aktar u li jitkompla l-appoġġ tal-Unjoni għal dan l-isforz, b'mod partikolari għal soluzzjonijiet proporzjonati mal-adozzjoni mill-SMEs; jinnota li l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandu l-għan li jżid il-kapaċità tal-manifattura Ewropea tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li huma kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE għan-newtralità klimatika; jilqa' l-inizjattivi meħuda għall-ktajjen ta' valur strateġiċi; jirrikonoxxi l-effetti pożittivi fuq l-industriji Ewropej, inklużi l-SMEs, li jirriżultaw mill-adozzjoni ta' strateġiji bikrija biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti ftehimiet multilaterali u bilaterali infurzabbli bejn l-UE u s-sħab tagħha; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi pprevenuta r-rilokazzjoni tal-produzzjoni u tal-investimenti tal-industriji u tal-SMEs Ewropej minħabba miżuri klimatiċi inqas ambizzjużi barra mill-Unjoni; iqis li l-produzzjoni u l-investimenti fl-Ewropa jsaħħu l-katina tal-valur industrijali u l-awtonomija strateġika tal-UE f'kuntest globali instabbli; jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima qed jaffettwa wkoll lis-setturi industrijali u tas-servizzi, u dan jikkawża provvista okkażjonali u tfixkil operazzjonali, b'mod partikolari bħala riżultat ta' avvenimenti estremi tat-temp; jisħaq fuq l-ħtieġa li l-industriji jieħdu miżuri biex jadattaw għall-klima li qed tinbidel;

106. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-SMEs, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u n-negozji ġodda, fl-ixprunar u t-twettiq tal-impjiegi u t-tkabbir kif ukoll biex iwittu t-triq lejn it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi; ifakkar li l-SMEs huma parti essenzjali min-nisġa ekonomika u soċjali Ewropea u jeħtiġilhom jiġu appoġġjati u inċentivati f'din it-tranżizzjoni mil-leġiżlaturi, b'mod partikolari billi jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzi għal teknoloġiji, servizzi u proċessi sostenibbli, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u billi jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs fl-akkwist pubbliku; jinsab imħasseb li l-opportunitajiet u l-vulnerabbiltajiet tal-SMEs mhumiex meqjusa biżżejjed fil-politiki kollha tal-UE fir-rigward tas-suq uniku, inkluż fl-isforz biex jiġu promossi d-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika;

107. Iqis li t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli jeħtieġ li tiġi kkombinata maż-żamma tal-kompetittività tal-Ewropa u l-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll maż-żamma tal-wegħda li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jisħaq li din il-kombinazzjoni hija kruċjali għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u li s-suq uniku għandu jibqa' kosteffiċjenti meta jsir aġġustament għal ambjent regolatorju ġdid u favorevoli, b'mod partikolari għall-industriji b'emissjonijiet żero netti u s-sostenibbiltà tal-industriji Ewropej; jisħaq, barra minn hekk, li din il-kombinazzjoni għandha l-għan li tilħaq l-objettivi klimatiċi tal-2030 u l-2050 u li tixpruna t-trasformazzjoni għan-newtralità klimatika u għal ekonomija ċirkolari sostenibbli;

108. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi swieq kompetittivi għall-komoditajiet u l-metalli rari li huma essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika; jenfasizza l-fatt li d-dipendenza kontinwa minn ftit fornituri se timmina xi miżuri ta' politika attwali bħall-pjan RePowerEU, u l-isforzi li jagħmlu ċ-ċittadini tal-Unjoni; jindika l-ħtieġa li tittejjeb il-kapaċità limitata għall-akkwist u l-ipproċessar domestiku; jemmen li l-Fond għall-Innovazzjoni tal-UE għandu jappoġġja l-espansjoni ta' teknoloġiji tal-industriji b'emissjonijiet żero netti u ta' riċiklaġġ tal-UE u l-ktajjen tal-provvista tagħhom tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u innovattiv; jinnota li l-Att propost dwar il-Materja Prima Kritika għandu l-għan li jnaqqas id-dipendenza fuq il-fornituri attwali u jiżgura minflok li l-UE tkun tista' taċċessa provvista fuq bażi kontinwa provvista sikura, diversifikata, bi prezz raġonevoli u sostenibbli ta' materja prima kritika filwaqt li tipproteġi l-ambjent;

109. jenfasizza l-ħtieġa ta' programmi ta' kwalifika biex tissaħħaħ il-forza tax-xogħol ħalli tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar għax-xogħol fis-setturi tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli, tar-rinnovazzjonijiet tal-bini u tas-soluzzjonijiet tat-teknoloġija ekoloġika; jistieden lill-Istati Membri kollha jieħdu passi biex jiżguraw li l-forza tax-xogħol Ewropea attwali u futura tikseb il-ħiliet kollha meħtieġa biex timmaniġġja, timplimenta u tinnova t-tranżizzjoni ekoloġika, speċjalment f'reġjuni li huma affettwati b'mod aktar negattiv mit-tranżizzjoni;

110. Jemmen li l-Unjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni dwar il-kummerċ, ir-riċerka u l-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ma' sħab tal-istess fehma u affidabbli permezz ta' kooperazzjoni bilaterali u sforzi konġunti biex tittejjeb is-sistema kummerċjali multilaterali, u li l-Unjoni għandha trawwem kollaborazzjoni u sħubijiet internazzjonali biex tippromwovi ktajjen ta' provvista globali siguri, sostenibbli u reżiljenti permezz tal-promozzjoni ta' kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli;

111. Jissottolinja li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq it-teknoloġiji ta' qbid u ħżin tal-karbonju u ta' qbid u użu tal-karbonju jistgħu jaqdu rwol fid-dekarbonizzazzjoni, speċjalment għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet mill-proċessi fl-industrija, għal dawk l-Istati Membri li jagħżlu din it-teknoloġija; jissottolinja l-importanza tat-tmexxija Ewropea f'dan ir-rigward;

***Riċerka, innovazzjoni, teknoloġiji diġitali u politika spazjali***

112. Jilqa' r-rwol tal-programm Orizzont Ewropa u l-kontribut tiegħu għan-newtralità klimatika; huwa tal-fehma li s-sħubijiet fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, inklużi l-Impriżi Konġunti, se jrawmu l-kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tat-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jiżguraw li l-innovazzjonijiet ikunu sostenibbli, disponibbli, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli; jissottolinja l-importanza li jittejbu l-aċċess tal-SMEs għas-sejħiet ta' Orizzont Ewropa u l-parteċipazzjoni fihom u ta' livell aħjar ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini u l-involviment tagħhom fir-rigward tar-riżultati tal-proġetti Ewropej ta' riċerka u żvilupp u fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda, inklużi proġetti fanal, sabiex tiżdied l-adozzjoni pubblika u r-rwol tal-Unjoni jsir aktar viżibbli għaċ-ċittadini tagħha;

113. Jilqa' r-rwol tal-programm Copernicus u taċ-Ċentru ta' Għarfien il-ġdid tal-UE dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja għas-Servizz fil-monitoraġġ tal-art, tal-ambjent atmosferiku u dak tal-baħar; jissottolinja l-importanza tal-kapaċitajiet ta' osservazzjoni bis-satellita biex jiġi mmonitorjat, immudellat, imbassar u appoġġjat it-tfassil ta' politika dwar it-tibdil fil-klima;

114. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi attirat aktar investiment, kemm pubbliku kif ukoll privat, fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji sostenibbli ġodda, inkluż f'industriji li jirrikjedu ħafna ħaddiema u f'networks u proġetti infrastrutturali ġodda meħtieġa, li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq li r-riċerka u t-teknoloġija futuri għandhom iqisu s-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità; jenfasizza fl-istess ħin l-importanza tar-riċerka bażika, kif ukoll tal-approċċi kollaborattivi u transdixxiplinari fir-riċerka u l-innovazzjoni, fl-indirizzar tal-isfidi klimatiċi; jindika, minbarra l-ħtieġa li tiġi appoġġjata l-innovazzjoni soċjali li hija essenzjali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-isfidi tas-soċjetà mhux issodisfati filwaqt li n-nies jingħataw is-setgħa matul it-tranżizzjoni ekoloġika;

115. Jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza f'inċentivi biex jitrawmu teknoloġiji innovattivi biex jintlaħqu l-miri tal-2030 u tal-2050 u li jiġi indirizzat l-użu ta' teknoloġiji diġà maturi kif ukoll ta' investimenti f'teknoloġiji ġodda li jeħtieġ li jiġu żviluppati biex jintlaħaq l-għan tal-Unjoni tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050;

116. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' tranżizzjoni doppja, li fiha t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jimxu id f'id; jinnota li d-distakk diġitali fl-Ewropa għadu sinifikanti ħafna, b'differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri u r-reġjuni; jissottolinja l-ħtieġa li tinħoloq ekonomija tad-data kompetittiva u robusta li tippermetti diġitalizzazzjoni ta' livell għoli fl-oqsma kollha tas-soċjetà u tal-ekonomija b'mod sostenibbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, sigur mill-aspett ċibernetiku u bi prezz raġonevoli; jissottolinja r-rwol fundamentali li jista' jkollhom it-teknoloġiji diġitali fit-tranżizzjoni ekoloġika tal-

Unjoni; ifakkar li l-irkupru tal-Unjoni jirrikjedi l-ħolqien ta' qafas regolatorju stabbli li jwassal għall-progress, inkluż il-progress xprunat mis-suq, fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-iżvilupp ta' teknoloġiji sostenibbli, u l-kundizzjonijiet xierqa għall-finanzjament tagħhom;

117. Jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni hija waħda mill-fatturi ewlenin li tixpruna l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija billi tista' tippermetti flussi dinamiċi u interkonnessi tal-vetturi tal-enerġija, tippermetti li swieq aktar diversi jkunu interkonnessi, u tipprovdi d-data meħtieġa biex jitqabblu l-provvista u d-domanda; jenfasizza l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat qafas regolatorju sikur bi proċeduri mhux diskriminatorji u trasparenti għall-aċċess u għat-trażmissjoni tad-data dwar l-enerġija; ifakkar li l-Kummissjoni tistma li l-impronta ambjentali tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tirrappreżenta bejn 5 % u 9 % tal-użu globali tal-elettriku u aktar minn 2 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra; jissottolinja li 47 % tal-emissjonijiet tal-karbonju diġitali jiġu minn tagħmir tal-konsumaturi bħal kompjuters, smartphones, tablets u oġġetti oħra konnessi; jilqa' r-reviżjoni tal-EED, li se tirrikjedi li ċ-ċentri tad-data kollha fl-UE minbarra dawk żgħar jirrapportaw pubblikament, fost l-oħrajn, ir-rendiment tal-enerġija tagħhom kull sena; jappella għal aktar miżuri biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tas-settur tal-ICT fil-livell taċ-ċentru tad-data u tal-apparat tal-konsumatur; itenni l-għan li ċ-ċentri tad-data jsiru newtrali għall-klima u effiċjenti ħafna fl-enerġija sa mhux aktar tard mill-2030, kif iddikjarat fl-Istrateġija Diġitali;

118. Ifakkar fl-importanza tal-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-R&I u żieda ġenerali fil-baġits tal-UE u dawk nazzjonali ddedikati għar-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli u sikuri u fl-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tkompli tappoġġja t-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet innovattivi li jikkontribwixxu għal sistema tal-enerġija reżistenti għall-klima u integrata, inkluż fejn l-Ewropa għandha tmexxija globali u ktajjen tal-valur nazzjonali; iqis li huwa essenzjali li jkun hemm segmenti ewlenin ta' ktajjen tal-valur tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni u jappella għal miżuri adegwati biex jappoġġjaw ir-rwol tal-kontenut ibbażat fl-Ewropa fil-katina tal-provvista u fil-leġiżlazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

*It-tibdil fil-klima u l-iżvilupp*

119. Jilqa' l-Pjan ta' stimolu tal-SDGs tan-NU, li għandu l-għan li jindirizza l-kost għoli tad-dejn u r-riskji dejjem akbar ta' dejn moruż; jitlob li l-UE tappoġġja l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħolqien ta' mekkaniżmu multilaterali ta' ristrutturazzjoni tad-dejn, taħt l-awspiċji tan-NU, biex tindirizza kemm l-impatt tal-kriżi klimatika kif ukoll ir-rekwiżiti ta' finanzjament tal-Aġenda 2030;

120. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jwettqu l-impenji eżistenti fil-konfront tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar il-forniment ta' finanzjament għall-klima u jżommu livell għoli ta' ambizzjoni fir-rigward tal-appoġġ għall-azzjoni klimatika għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw qabel, matul u wara l-COP28; jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej jimplimentaw approċċ integrat għall-SDGs, li jipprovdi boxxla universali għall-

prosperità tan-nies, u jipproteġu l-pjaneta; jisħaq li l-fiduċja ġenerali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-UE bħala sieħeb affidabbli tiddependi minn kemm l-Unjoni twettaq il-wegħdiet tagħha; jinnota li l-kooperazzjoni produttiva bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tista' ssaħħaħ l-attraenza tal-Unjoni bħala sieħeb, li hija ta' importanza kruċjali f'kuntest ġeopolitiku dejjem aktar kompetittiv;

121. Jenfasizza li d-diplomazija dwar il-klima trid timxi id f'id mal-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jfisser li l-UE trid tiżgura l-konsistenza bejn il-politiki ta' żvilupp, kummerċ, agrikoltura, sajd, enerġija u klima;

***Ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-COP28***

122. Jemmen li l-Parlament Ewropew għandu jkun parti integrali mid-delegazzjoni tal-UE fil-COP28, peress li jrid tagħti l-kunsens tiegħu għal ftehimiet internazzjonali u jiżvolġi rwol ċentrali fl-implimentazzjoni domestika tal-Ftehim ta' Pariġi bħala wieħed mill-koleġiżlaturi tal-UE; jistenna, għalhekk, li jitħalla jattendi l-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-UE fil-COP28 f'Dubai u li jiġi garantit aċċess għad-dokumenti preparatorji kollha; jimpenja ruħu li jaġixxi b'mod indipendenti u ħieles minn kunflitti ta' interessi;

°

° °

123. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u titlob li tiġi ċċirkolata lill-Partijiet kollha mhux tal-UE għall-Konvenzjoni.